# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 12 ta' Lulju 2019**

**Numru 17**

**Rikors kostituzzjonali numru 94/2016 AF**

***Falzon Group Holdings Limited* (C-1731) u**
***San Lucian Oil Company Limited* (C-5387)**

***v.***

**Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni)**
**u l-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn sentenza mogħtija fit-8 ta' Novembru 2018 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostit-uzzjonali li ċaħdet eċċezzjonijiet preliminari tagħhom. L-atturi talbu rimedju għax igħidu illi investigazzjoni magħmula mill-konvenut Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) [id-Direttur Ġenerali] taħt id-dispos-izzjonijiet tal-Att dwar il-Kompetizzjoni [Kap. 379] tikser il-jedd

tagħhom għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39(1) u (6)(*a*) tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-art. 6(3)(*a*) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni]. Il-konvenuti ressqu eċċezzjonijiet preliminari illi l-proċeduri li dwarhom sar l-ilment ma jistgħux jitqiesu proċeduri ta' natura kriminali. Is-sentenza li minnha sar l-appell ċaħdet dawn l-eċċezzjonijiet preliminari.

2. Bir-rikors li bih inbdiet il-kawża l-atturi kienu talbu illi l-qorti:

»(a) tiddikjara li l-artikoli 12A, 13, 13 A u 21 tal-Kap. 379, jew liem minnhom, jilledu d-drittijiet fundamentali ta' *Falzon Group* u jiksru l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u li għaldaqstant m'għandhom[x] ikollhom effett fil-konfront tal-proċeduri li nbdew kontra *Falzon Group*; u/jew

»(b) tiddikjara li l-proċess investigattiv kif sar min-naħa tal-Uffiċċju [għall-Kompetizzjoni] kiser ukoll id-drittijiet fundamentali ta' *Falzon Group* bi ksur tal-artikolu 39(6)(*a*) tal-Kostituzzjoni u/jew l-artikolu 6 § 3(*a*) tal-Konvenzjoni; u/jew

»(ċ) tiddikjara konsegwentement nulli u inattendibbli l-proċeduri investigattivi li nbdew mill-Uffiċċju fil-konfront ta' *Falzon Group ai termini* tal-Kap. 379; u/jew

»(d) tiddikjara nulli u inattendibbli d-deċiżjonijiet amministrattivi li ħa l-Uffiċċju jew id-DĠ bħala konsegwenza ta' dawk il-proċeduri investigattivi inkluż l-ħruġ tal-i*statement of objections* u/jew id-deċiżjoni; u/jew

»(e) tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu d-danni morali għall-ksur tad-drittijiet fuq imsemmija fil-konfront tal-esponenti; u/jew

»(f) tagħti kull provvediment jew rimedju ieħor li din il-qorti tħoss li huwa opportun.«

3. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

»1. illi l-ilmenti kollha tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu meqjusa fil-parametri tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan peress li l-ilmenti tagħhom la jmissu ma' akkużi/proċeduri kriminali u lanqas ma' proċeduri dwar drittijiet u obbligazzjonijiet ċivili;

»2. mhijiex għal kollox korretta l-istqarrija ġenerali tar-rikorrenti meta jgħidu li proċeduri amministrattivi bħal dawk kontemplati fil-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta huma klassifikati bħala kriminali.

Proċeduri amministrattivi jistgħu jieħdu t-tikketta ta" proċeduri kriminali biss jekk dawn ikunu suxxettibbli għal piena jew sanzjoni;

»3. illi r-rikorrenti mhumiex siewja lanqas meta jtennu li ċerti dispożizzjonijiet tal-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta jmorru kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta għaliex hemm sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali (*Federation of Estate Agents v.* Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) *et* tat-3 ta' Mejju 2016) li tgħid hekk. Dan għaliex sentenzi dwar inkompatibilità ta' liġijiet ma' drittijiet fundamentali jagħmlu stat biss bejn il-partijiet fil-kawża u mhux *erga omnes*;

»4 illi terġa' u tgħid dan il-każ ma jixxiebah xejn mal-każ ta; *Federation of Estate Agents v. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et.* Fil-każ ta' *Federation of Estate Agents* il-Qorti Kostituzzjonali sabet li kien hemm ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba li kien hemm il-possibilità li jistgħu jiġu inflitti pieni fil-forma ta' multi amministrattivi minn awtoritajiet li mhumiex qorti. Min-naħa l-oħra f'dan il-każ id-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) ġà ddikjara u ntrabat li huwa mhu ħa jimponi l-ebda multa amministrattiva fil-konfront tar-rikorrenti. Għaldaqstant ir-raġuni li minħabba fiha l-Qorti Kostituzzjonali sabet vjolazzjoni kostit-uzzjonali fis-sentenza ta' *Federation of Estate Agents* hija nieqsa f"dan il-każ.

»5. illi r-rikorrenti m'għandhomx raġun meta jgħidu li l-proċeduri meħuda mid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) għandhom mill-attributi ta' proċeduri kriminali. Biex proċeduri jistgħu jitqiesu ta' xejra penali jeħtieġ illi dawn iġorru magħhom xi forma ta' kastig jew piena. F'dan il-każ kif ingħad il-proċeduri konklużi mid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) ma wasslux u mhux ħa jwasslu għal xi għoti ta' piena;

»6. illi l-konsiderazzjonijiet kollha magħmula mir-rikorrenti dwar l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, partikolarment dawk dwar il-fatt li l-każ tagħhom kellu jiġi determinat minn qorti u mhux mid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni), huma irrilevanti għall-każ tal-lum għaliex ġaladarba r-rikorrenti ma jistgħux jeħlu kastig allura huma ma jistgħux jgħidu li nħarġet xi akkuża ta" bixra kriminali kontrihom.

»7 illi hekk ukoll ir-rikorrenti m'għandhomx għalfejn joqogħdu jinkwetaw fuq il-fatt li l-kontestazzjoni tagħhom mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) sejra tinstema' mit-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur u mhux minn qorti, ġaladarba t-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur mhu sejjer jiddeċiedi l-ebda akkuża kriminali u lanqas ma hu ħa jaqta' proċeduri amministrattivi li jistgħu jwasslu għal xi għoti ta' kastig jew piena.

»8. illi l-istess jgħodd fil-kuntest tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewro-pea. La fil-każ tagħna ma hemmx piena li r-rikorrenti jistgħu jeħlu allura s-sentenzi kollha ċitati minnhom fir-rikors kostituzzjonali tagħhom m"għandhom l-ebda siwi għal dawn il-proċeduri. F'kull każ il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza *Menarini Diagnostics S.R.L. v.* l-Italja (Aap. 43509/08) deċiża fis-27 ta' Settembru 2011 għamlitha ċara li proċeduri ta' kompet-

izzjoni bħas-sistema Maltija mhumiex inkompatibbli mal-jedd ta' smigħ xieraq.«

4. L-ewwel qorti ċaħdet dawn l-eċċezzjonijiet għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, is-soċjetajiet rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-qorti ssib illi ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq kif sanċit permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

»Il-bażi tal-lanjanzi tar-rikorrenti huma l-proċeduri li ttieħdu fil-konfront tagħhom mill-intimat Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) a tenur tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, Kapitolu 379 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Din id-deċiżjoni hija limitata għall-eċċezzjoni ta' natura preliminari mressqa mill-intimati. In suċċint, l-eċċezzjoni tal-intimati, kif kontenuta fl-ewwel tmien paragrafi tar-risposta tagħhom, hija fis-sens illi peress li d-Direttur Ġenerali intimat iddikjara li mhux ser jimponi multa amministrattiva fuq ir-rikorrenti, mela allura l-ilmenti kollha tal-istess rikorrenti, kollha bbażati fuq il-fatt illi huma effettivament ġew soġġetti għall-proċeduri ta' natura kriminali, ma jistgħux jissussistu jew isibu protezzjoni taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea kif qegħdin jippretendu r-rikorrenti.

»Jirrizulta illi r-rikorrenti kienu ġew investigati mill-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni bħala parti mill-investigazzjoni ta' dak l-uffiċċju dwar is-suq tal-provvista tad-*diesel* lill-pompi tad-*diesel*.

»Waqt li l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni kien qiegħed jagħmel l-investig-azzjonijiet tiegħu, proprju fil-21 ta' April 2015, ingħatat is-sentenza fl-ismijiet *Federation of Estate Agents v.* Direttur Ġenerali (Kompetizz-joni) *et* minn din il-qorti diversament presjeduta fejn il-qorti sabet illi l-artikoli 12A, 13, 13A u 21 tal-Kap. 379, in kwantu li jawtorizżaw jew jobbligaw lid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) u lit-Tribunal tal-Appell li jisimgħu u jiddeċiedu każ ta' allegat ksur tal-imsemmi Att u/jew id-disposizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni kontenuti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u jagħtu ordnijiet u jimponu multa f''każ li jsibu ksur, huma inkompatibbli jew inkonsistenti mad-dispost tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewro-pea.

»Fil-15 ta' Jannar 2016, id-Direttur Ġenerali intimat bagħat żewġ ittri lir-rikorrenti kif ukoll lil *M&N Camilleri Petrol Station* li permezz tagħhom għaddielhom stqarrija ta' oġġezzjonijiet skont l-artikolu 12A(1) tal-Kap. 379. F'din l-istqarrija, huwa informa lir-rikorrenti li x''aktarx seħħ ksur tal-artikolu 5 tal-Kap. 379 u/jew tal-artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU). Għaldaqs-tant, huwa ta żmien lir-rikorrenti biex jagħtu r-reazzjonijiet tagħhom qabel ma jieħu deċiżjoni finali. Is-soċjetajiet rikorrenti bagħtu r-risposti tagħhom lid-Direttur Ġenerali intimat fejn talbuh ukoll sabiex jissos-pendi l-proċeduri tiegħu fil-konfront tagħhom sakemm jinqata' l-appell tal-imsemmija kawża tal-*Federation of Estate Agents*. It-talba tagħhom għal sospensjoni ġiet miċħuda.

»Sakemm l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni kien qiegħed jeżamina l-evidenza kollha mressqa quddiemu sabiex jasal għal deċiżjoni finali, fit-3 ta' Mejju 2016 il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet l-appell mis-sentenza tal-ewwel qorti fl-imsemmi każ tal-*Federation of Estate Agents*. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza tal-ewwel qorti fejn sabet ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u għalhekk qalet illi l-artikolu 12A, 13, 13A u 21 tal-Kap. 379, safejn jagħtu lid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) is-setgħa li joħroġ deċiżjoni dwar ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni u jimponi multi jew miżuri oħra jekk isib li hemm ksur, u safejn jagħtu lit-Tribunal tal-Appell is-setgħa li jisma' appell mid-deċiżjoni tad-direttur, ma jiswewx u m'għandhomx effett quddiem ir-rikorrenti. Il-Qorti Kostituzzjonali sabet ukoll illi l-proċeduri mibdija kontra r-rikorrenti taħt dawk id-disposizzjonijiet tal-liġi huma bi ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq imħares taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni safejn dawk il-proċeduri huma maħsuba biex iwasslu għal deċiżjoni dwar ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni. Madanakollu, ħassret is-sentenza tal-ewwel qorti fejn sabet ukoll ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

»Mitlub mir-rikorrenti dwar kif beħsiebu jirregola ruħu, l-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni wieġeb fil-11 ta' Mejju 2016 li huwa kien għadu qiegħed jeżamina l-effetti ta' din is-sentenza. Ir-rikorrenti insistew illi l-uffiċċju jagħlaq il-każ tagħhom għal kollox.

»Fit-30 ta' Settembru 2016, l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni bagħat ittra lir-rikorrenti fejn għarrafhom li xorta waħda kien ser jippronunzja d-deċiżjoni finali tiegħu bil-kundizzjoni li l-ebda multa amministrattiva ma kienet ser tiġi imposta fil-konfront tagħhom minkejja li sab li kien hemm ksur tal-liġi. Id-deċiżjoni finali nħarġet mill-uffiċċju fl-4 ta' Ottubru 2016.

»Ir-rikorrenti appellaw mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat quddiem it-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur. Huma ppreżentaw ukoll ir-rikors kostituzzjonali odjern. L-imsemmi tribunal laqa' t-talba tar-rikorrenti u aċċetta li jistenna l-eżitu ta' din il-kawża kostituzzjonali qabel ma jiddeċiedi l-appell tagħhom.

»Skont il-Kap. 379, id-direttur intimat u l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni għandhom is-setgħa li jinvestigaw, jiddeterminaw u jrażżnu aġir meqjus li jxekkel il-kompetizzjoni fis-suq *ai termini* tal-artikolu 5 u 9 tal-imsemmi Att. Suspettat aġir illeġittimu b'allegat ksur tal-imsemmija artikoli tal-liġi u l-artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea iwassal sabiex id-Direttur Ġenerali intimat joħroġ stqarrija ta' oġġezzjoni skont l-artikolu 12A tal-Att. L-intrapriża li lejha tkun diretta dik l-istqarrija ta' oġġezzjoni jkollha dritt tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha fir-rigward.

»L-artikolu 12A(6) u l-artikolu 12D jagħtu lid-Direttur Ġenerali intimat, apparti dmirijiet ta' investigazzjoni u poteri amministrattivi, id-dover li jiddeċiedi u jistabbilixxi ksur *o meno* tal-Att u/jew tat-Trattat. F''każ li jiġi misjub li kien hemm vjolazzjoni, id-Direttur Ġenerali għandu joħroġ l-ordnijiet neċessarji skont l-artikolu 13 tal-Att, inkluż l-imposizzjoni ta' multa amministrattiva ta' mhux aktar minn għaxra fil-mija tad-dħul totali tal-intrapriża jew għaqda tal-intrapriżi konċernati u dan skont l-artikolu 21. F'każ li l-għaqda jew intrapriża ma tħallasx il-multa, din titqies li ikkomettiet "reat" u għaldaqstant hija soġġetta għal multa ulterjuri ta' bejn elf u għoxrin elf Euro.

»Skont l-artikolu 13A(1) tal-Att, mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat hemm dritt ta' appell quddiem it-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur. L-artikolu 31 tal-Kap. 510 jistabbilixxi li dan it-tribunal huwa kompost minn imħallef u żewġ membri ordinarji mahtura mill-President għal perjodu ta‟ tliet snin. Appell ma jissospendix awtomatikament il-multa amministrattiva inflitta, imma talba apposita tista' ssir lit-tribunal. Mid-deċiżjoni tat-tribunal hemm appell quddiem il-Qort tal-Appell fuq punt ta' liġi biss, kif jipprovdi l-artikolu 13A(5) tal-Kap. 379.

»Il-lanjanza tar-rikorrenti hija msejjsa fuq allegat ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

»… … …

»Essenzjalment, il-kawża odjerna tittratta l-kompatibilità tal-artikoli impunjati mal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Skont ir-rikorrenti, il-proċeduri istitwiti kontra tagħhom għandhom min-natura ta' proċeduri kriminali u ghalhekk igawdu mill-protezzjoni li tagħti l-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-proċeduri kriminali u dan kif ġie konfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ tal-*Federation of Estate Agents*.

»Il-qofol tal-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati ddur mal-kwistjoni jekk il-proċeduri *de quo* jibqghalhomx ix-xejra ta' proċeduri kriminali tenut kont tal-fatt illi d-Direttur Ġenerali intimat iddikjara li mhuwiex ser jimponi multi fuq ir-rikorrenti. Is-sitwazzjoni tar-rikorrenti odjerni hija waħda diversa minn dik tar-rikorrenti fil-każ tal-*Federation of Estate Agents* tenut kont tal-fatt illi f'dan il-każ id-Direttur Ġenerali intimat iddikjara li m'huwa ser jimponi l-ebda multa skont il-Kap 379. Ir-rikorrenti jinsistu li l-fatt li d-Direttur Ġenerali intimat eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu u għażel li ma jimponix multa ma jfissirx illi l-proċeduri *de quo* tilfu min natura kriminali tagħhom.

»L-intimati ma jaqblux u jgħidu li l-ilmenti tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu mistħarrġa taħt l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni safejn dan l-artikolu japplika għall-proċeduri kriminali għaliex, b'differenza mill-każ tal-*Federation of Estate Agents*, fil-każ tal-lum id-Direttur Ġenerali intimat iddikjara li m'huwa ser jimponi l-ebda multa fuq ir-rikorrenti imma ser jillimita ruħu għal dikjarazzjoni ta' ksur tal-Kap. 379. Skont l-intimati, il-proċeduri in kwistjoni ma jattirawx il-protezzjoni tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u dik tal-Konvenzjoni Ewropea li japplikaw għall-proċeduri li huma ta‟ natura kriminali. Jgħidu li l-bażi tad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tal-*Federation of Estate Agents* kienet il-multa u allura, mingħajrha, wieħed ma jistax aktar jitkellem fuq proċeduri kriminali.

»L-intimati jkomplu billi jgħidu li, sabiex proċeduri amministrattivi jieħdu t-tikketta ta' proċeduri kriminali, dawn iridu jkunu suxxettibbli għall-piena jew sanzjoni, iżda fil-każ tal-lum id-Direttur Ġenerali intimat diġà ddikjara li hu m'huwa ser jimponi l-ebda multa amministrattiva fil-konfront tar-rikorrenti. Ikomplu billi jgħidu li jsegwi għalhekk illi dan il-każ ma jixxiebah xejn mal-każ tal-*Federation of Estate Agents*. Għalhekk, jgħidu l-intimati, il-konsiderazzjonijiet kollha magħmula mir-rikorrenti dwar l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni huma irrelevanti ġjaladarba r-rikorrenti ma jistgħux jeħlu kastig u allura ma jistgħux jgħidu li d-Direttur Ġenerali intimat ħareġ xi akkuża ta' natura kriminali kontrihom. L-intimati jkomplu billi jgħidu li l-istess japplika għal-

lanjanza tar-rikorrenti li l-appell tagħhom mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat ser jinstema' minn tribunal u mhux mill-qorti. Iżidu li l-istess jgħodd fil-kuntest tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea peress li ma hemmx piena li r-rikorrenti jistgħu jeħlu.

»L-intimati jgħidu wkoll li r-rikorrenti ma jistgħux jibbażaw il-lanjanzi tagħhom fuq dak deċiż fil-każ tal-*Federation of Estate Agents* għaliex sentenzi dwar inkompatibilità ta' liġijiet ma' drittijiet fundamentali jagħmlu stat biss bejn il-partijiet fil-kawża u mhux *erga omnes*.

»Il-qorti tibda billi tqis li l-intimati għandhom raġun meta jgħidu li fl-insenjament ta' dawn il-qrati huwa meqjus illi sentenza tagħmel stat biss bejn il-partijiet. Madanakollu, ir-rikorrenti mhumiex fil-fatt qeghdin isostnu li l-imsemmija deċiżjoni għandha tapplika *erga omnes*. Hemm distinzjoni netta bejn li wieħed jiccita ġurisprudenza applikabbli għall-każ, u li wieħed jgħid illi dik il-ġurisprudenza tapplika *erga omnes*. Ir-rikorrenti jgħidu li s-sitwazzjoni li jinsabu fiha hija l-istess bħal tar-rikorrenti fl-imsemmi każ, u li allura, fuq l-istess bażi, din il-qorti għandha ssib vjolazzjoni tad-drittijiet tagħhom, imma dan ma jfissirx li qegħdin jgħidu li din il-qorti għandha tiskarta kull kunsiderazzjoni oħra f'dan il-każ u tadotta d-deċiżjoni li ħadet il-Qorti Kostituzzjonali f'dak il-każ għaliex din tapplika *erga omnes*. Ma hemm xejn li jwaqqaf lir-rikorrenti jew lill-qorti milli jagħmlu riferenza għall-każ tal-*Federation of Estate Agents*. Dan ma jfissirx illi l-qorti tkun qiegħda tgħid li dik id-deċiżjoni tapplika *erga omnes* jew li r-rikorrenti jkunu qegħdin jippretendu li l-qorti għandha tagħmel hekk. Il-konsiderazzjoni tal-possibilità ta' applikabilità *erga omnes* tibqa' ghalhekk barra mill-ezami odjern.

»Dan premess, il-qorti tirreferi ghall-każ ta' Engel and Others *v.* the Netherlands, deċiża fit-8 ta' Ġunju 1976, fejn il-Qorti Ewropea stabbiliet kriterji, illum magħrufa bħala l-*Engel Criteria*, sabiex iservu ta' gwida għad-determinazzjoni tan-natura ta' offiża partikolari. F'din id-deċiżjoni gie ritenut:

> »"In this connection, it is first necessary to know whether the provision(s) defining the offence charged belong, according to the legal system of the respondent State, to criminal law, disciplinary law or both concurrently. This however provides no more than a starting point. The indications so afforded have only a formal and relative value and must be examined in the light of the common denominator of the respective legislation of the various Contracting States.
>
> »"The very nature of the offence is a factor of greater import. When a serviceman finds himself accused of an act or omission allegedly contravening a legal rule governing the operation of the armed forces, the State may in principle employ against him disciplinary law rather than criminal law. In this respect, the Court expresses its agreement with the Government.
>
> »"However, supervision by the Court does not stop there. Such supervision would generally prove to be illusory if it did not also take into consideration the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring. In a society subscribing to the rule of law, there belong to the "criminal" sphere deprivations of liberty liable to be imposed as a punishment, except those which by their nature, duration or manner of execution cannot be appreciably detrimental. The seriousness of what is at stake, the

traditions of the Contracting States and the importance attached by the Convention to respect for the physical liberty of the person all require that this should be so (see, *mutatis mutandis*, the *De Wilde, Ooms and Versyp* judgment of 18 June 1971, Series A no. 12, p. 36, last sub-paragraph, and p. 42 *in fine*)."

»Il-qorti kompliet billi qalet hekk:

»"If the Contracting States were able at their discretion to classify an offence as disciplinary instead of criminal, or to prosecute the author of a 'mixed' offence on the disciplinary rather than on the criminal plane, the operation of the fundamental clauses of articles 6 and 7 (art. 6, art. 7) would be subordinated to their sovereign will. A latitude extending thus far might lead to results incompatible with the purpose and object of the Convention. The Court therefore has jurisdiction, under article 6 (art. 6) and even without reference to articles 17 and 18 (art. 17, art. 18), to satisfy itself that the disciplinary does not improperly encroach upon the criminal. In short, the 'autonomy' of the concept of 'criminal' operates, as it were, one way only."

»Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, biex wieħed jistabbilixxi jekk akkuża għandhiex titqies bħala kriminali jew le għall-finijiet tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, wieħed m'għandux jistrieh biss fuq il-klassifikazzjoni tal-liġi domestika imma għandhom jiġu applikati l-kriterji stabbiliti fil-każ ta" Engel. Il-liġi Maltija tqis il-proċeduri ta" infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni bħala proċeduri amministrattivi u mhux kriminali. Madanakollu, kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ tal-*Federation of Estate Agents*, "għalkemm il-kwalifikazzjoni li jagħti l-leġislatur lil provvediment leġislativ hija ċertament relevanti biex dak il-provvediment jiġi kwalifikat bħala penali jew amministrattiv, dan huwa biss wieħed mill-fatturi relevanti".

»Fil-każ ta' Jussila v. Finland tat-23 ta" Novembru 2006, ġew imfissra hekk dawn il-kriterji:

»"The Court's established case-law sets out three criteria to be considered in the assessment of the applicability of the criminal aspect. These criteria, sometimes referred to as the "Engel criteria", were most recently affirmed by the Grand Chamber in *Ezeh and Connors v. the United Kingdom* ([GC] nos 39665/98 and 40086/98, § 82, ECHR 2003-X). ... [I]t is first necessary to know whether the provision(s) defining the offence charged belong, according to the legal system of the respondent State, to criminal law, disciplinary law or both concurrently. This however provides no more than a starting point. The indications so afforded have only a formal and relative value and must be examined in the light of the common denominator of the respective legislation of the various Contracting States. The very nature of the offence is a factor of greater import. ... However, supervision by the Court does not stop there. Such supervision would generally prove to be illusory if it did not also take into consideration the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring. ...

»"The second and third criteria are alternative and not necessarily cumulative. It is enough that the offence in question is by its nature to be regarded as criminal or that the offence renders the person liable to a penalty which by its nature and degree of severity belongs in the general criminal sphere (see *Ezeh and*

*Connors*, cited above, § 86). The relative lack of seriousness of the penalty cannot divest an offence of its inherently criminal character (see *Ozturk v. Germany*, 21 February 1984, § 54, Series A no. 73; see also *Lutz v. Germany*, 25 August 1987, § 55, Series A no. 123). This does not exclude a cumulative approach where separate analysis of each criterion does not make it possible to reach a clear conclusion as to the existence of a criminal charge (see *Ezeh and Connors*, cited above, § 86, citing, *inter alia*, *Bendenoun*, cited above, § 47).”

Finalment, il-Qorti tagħmel riferenza għall-każ ta‟ *A Menarini Diagnostics S.R.L. v.* Italy li kien ukoll dwar ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni. F‟dan il-każ il-Qorti Ewropea sabet illi l-multa imposta kellha min natura ta’ sanzjoni kriminali, imma l-qorti ma bbażatx id-deċiżjoni tagħha fuq is-severità tal-piena biss. F’dak il-każ, il-qorti sabet ukoll illi l-liġi impunjata għandha l-għan li tipproteġi l-kompetizzjoni u tolqot l-interessi tas-soċjetà li huma normalment protetti permezz tal-liġi kriminali. Fl-imsemmija kawża tal-*Federation of Estate Agents*, din il-Qorti diversament presjeduta irriteniet:

»“… din il-qorti tagħraf illi l-waqt li l-liġi Maltija (Kap. 379) tikklassifika din l-offiża bħala waħda ta’ natura amministrattiva, in-natura tar-reat u n-natura u severità tal-piena tagħti bixra totalment diversa lill-offiża, b’mod li ma tistax ma titqiesx bħala waħda ta’ natura kriminali. In fatti dan joħroġ ċar meta wieħed jeżamina l-aspettattivi tal-piena mgħotija għall-offiżi taħt il-Kap. 379 fid-dawl ta’ paragrafu 47 tal-każ Bendenoun *v.* France:

»“i. illi l-Kap. 379 japplika liċ-ċittadini kollha u mhux lil xi grupp speċifiku;

»“ii. il-multa m’hijiex intiża għal kumpens pekunarju għal dannu soffert, iżda kienet essenzjalment piena li tikkostitwixxi deterrent;

»“iii. il-multa kienet imposta b’regola ġenerali bi skop punittiv u li jservi ta’ deterrent;

»“iv. illi l-multa kienet waħda ta’ entità konsiderevoli.

“Meħuda in konsiderazzjoni dawn l-aspettattivi, din il-qorti ma tistax ma takkoljix l-insenjament tal-*ECHR* meta kkonkludiet fil-każ ta’ Bendenoun *v.* France: “*Having weighed the various aspects of the case, the Court notes the predominance of those which have a criminal connotation. None of them is decisive on its own, but taken together and cumulatively they made the „charge‟ in issue a „criminal‟ one within the meaning of article 6 § 1 ...,*” *ibid*. para. 47”.”

»Sussegwentement il-Qorti Kostituzzjonali sostniet:

»“Il-qorti tqis illi l-liġi maltija tal-kompetizzjoni tħares interessi ġenerali tas-soċjetà li huwa wkoll il-għan tal-liġi penali, u f‟dan tixbah id-disposizzjonijiet taħt it-Titolu VI tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali: Fuq id-Delitti kontra l-Kummerċ Pubbliku; tqis illi l-liġi tal-kompetizzjoni għandha l-ħsieb ukoll li sservi ta’ deterrent, bħal-liġi penali; tqis illi l-multa li tista’ tingħata mid-Direttur hija x’aktarx ħarxa u hija maħsuba bħala piena u mhux bħala risarċiment ta’ danni ċivili; u tqis illi huwa relevanti wkoll il-fatt illi, qabel l-emendi li saru fil-Kap. 379 bis-saħħa tal-Att VI tal-2011, l-‘akkordji u prattiki projbiti’ taħt l-art. 5 bħal dawk li

> dwarhom hija mixlija l-Federazzjoni fil-każ tallum kienu meqjusa 'reati' taħt l-art. 16 tal-istess Kap. 379, b'mod għalhekk illi, għalkemm wara l-Att VI tal-2011 dawk l-'akkordji u prattiki projbiti' ma baqgħux jitqiesu 'reati', is-sustanza tagħhom baqgħet l-istess. Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-qorti biex taqbel mal-ewwel qorti illi l-proċeduri taħt il-liġi tal-kompetizzjoni għandhom min-natura ta' proċeduri dwar akkuża kriminali u għalhekk għandhom ikunu mħarsa bil-garanziji li l-art. 39 jrid għal proċeduri dwar akkuzi kriminali."

»Jidher għalhekk illi kemm fid-deċiżjonijiet ċitati tal-Qorti Ewropea, kif ukoll f'dik tal-*Federation of Estate Agents*, deċiża minn dawn il-qrati, il-klassifikazzjoni tal-proċeduri impunjati bħala li għandhom min-natura ta' proċeduri jew akkużi kriminali ma kinitx ibbażata biss fuq jekk is-sejbien ta' ħtija kinitx tattira multa, iżda ġiet ikkunsidrata wkoll in-natura tal-offiża nnifisha, it-tieni u tielet kriterji stabbiliti fil-każ ta' Engel li, kif rajna, jistgħu jkunu alternattivi u mhux bilfors kumulattivi. Minkejja li l-multa li setgħet tiġi inflitta kienet konsiderazzjoni importanti għall-Qorti Kostituzzjonali fil-każ tal-Federation of Estate Agents, din ma kinitx l-uniku konsiderazzjoni.

»Hija l-fehma konsiderata ta' din il-qorti li l-fatt li f'dan il-każ m'għadx hemm il-possibilità li r-rikorrenti jeħlu multa ma jfissirx li l-proċeduri in kwistjoni ma jistgħux aktar jiġu klassifikati bħala proċeduri kriminali b'applikazzjoni tal-prinċipji stabbiliti fil-każ tal-Federation of Estate Agents. Il-qorti taqbel mar-rikorrenti li d-deċiżjoni li ma tiġix imposta multa hija irrelevanti għal finijiet tad-determinazzjoni jekk il-proċeduri għandhomx is-sura ta' proċeduri kriminali. Sabiex proċeduri ta' din ix-xorta jitqiesu bħala proċeduri kriminali mhux bilfors ikun hemm piena jew sanzjoni li tixbah dawk li wieħed normalment isib fil-liġi kriminali għaliex wieħed irid iħares lejn in-natura tal-proċeduri u tal-akkużi u offiżi fl-intier tagħhom.

»Fil-fatt, fil-każ tal-Federation of Estate Agents il-Qorti Kostituzzjonali sabet illi kien hemm vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq qabel ma ġiet imposta l-multa. Il-qorti sabet illi l-proċess sħiħ ta' investigazzjoni taħt l-artikoli in kwistjoni għandu elementi ta' proċeduri ta' natura kriminali u mhux biss għaliex f'dak il-każ setgħu jiġu imposti l-multi. Il-qorti bbażat il-konklużjonijiet tagħha kemm fuq il-piena kif ukoll fuq in-natura tal-proċeduri u tar-reat.

»Ir-rikorrenti jkomplu billi jgħidu li d-diskrezzjoni tad-Direttur Ġenerali intimat li ma jimponix multa sabiex ikun konformi ma dak deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ tal-Federation of Estate Agents ma tibdilx il-bażi tal-proċeduri impunjati minn kriminali għal amministrattivi. Din il-qorti taqbel. Hija l-liġi kif imfassla li tiddetermina n-natura tal-azzjoni. Id-Direttur Ġenerali intimat m'għandux id-diskrezzjoni jibdel in-natura tal-proċeduri sempliċiment billi jiddikjara li f'każ partikolari mhuwiex ser jimponi multa. Il-fatt illi għażel li ma jimponix multi f'dan il-każ ma jfissirx illi proċeduri li huma min-natura tagħhom tas-sura kriminali tilfu minn din il-klassifikazzjoni.

»Fl-aħħarnett, għandu jingħad ukoll illi minkejja li f'dan il-każ id-Direttur intimat iddikjara li mhuwiex ser jimponi multa fuq ir-rikorrenti, dan ma jfissirx illi d-deċiżjoni dwar is-sejbin ta' ksur taħt il-Kap. 379 huwa mingħajr riperkussjonijiet. Kif jispjegaw ir-rikorrenti, ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (Leġislazzjoni Sussidjarja 174.04) jipprovdu li d-Direttur tal-Kuntratti jista' jordna l-*black listing* ta'

operatur ekonomiku milli jipparteċipa f"sejħiet għal offerti fejn id-direttur ikollu indikazzjonijiet plawsibbli biżżejjed biex jikkonkludi li l-operatur ekonomiku ikun daħal fi ftehim ma' operaturi ekonomiċi oħrajn li għandhom l-għan li joħolqu tfixkil tal-kompetizzjoni.

»Din is-sanzjoni hija waħda li kapaċi jkollha riperkussjonijiet serji għar-rikorrenti. Dan ikompli jikkonferma l-ħsieb ta' din il-qorti li l-fatt li f'dan il-każ mhijiex ser tiġi imposta multa ma jfissirx illi l-proċeduri *de quo* tilfu min-natura tagħhom ta' proċeduri kriminali kif fissret il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ tal-Federation of Estate Agents**.**

»Din il-qorti tqis li għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, minkejja illi d-Direttur Ġenerali intimat iddikjara li mhuwiex ser jimponi multa, il-proċeduri istitwiti minnu kontra r-rikorrenti xorta jibqagħlhom mis-sura ta' proċeduri jew akkużi kriminali u għaldaqstant l-ilmenti tar-rikorrenti għandhom jiġu investigati taħt l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea safejn japplika għall-proċeduri kriminali.

»Għaldaqstant, il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati illi l-proċeduri istitwiti mill-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni fil-konfront tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu kkun-sidrati bħala proċeduri u/jew akkużi ta" natura kriminali tenut kont illi l-istess uffiċċju ddikjara li m'huwa ser jimponi l-ebda multa fuq ir-rikorrenti u għaldaqstant, tordna l-prosegwiment tal-kawża fil-mertu.

»L-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.«

5. Wara li ngħataw fakoltà jagħmlu hekk b'dikriet tal-24 ta' Jannar 2019 il-konvenuti appellaw b'rikors tal-1 ta' Frar 2019 li għalih l-atturi wieġbu fit-18 ta' Frar 2019. Billi l-fatti li wasslu għal din il-kawża huma mfissra tajjeb ferm fir-rikors tal-appell il-qorti sejra hawn tirriproduċi din is-silta mir-rikors biex tagħti l-isfond fattwali tal-kawża:

»Ħabat li fi Frar tas-sena 2015, l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni fetaħ investigazzjoni amministrattiva taħt il-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta fis-suq tal-għoti tal-karburanti lill-pompi tal-*petrol*. Din bdiet minħabba li kien hemm xniegħa, li dehret anke fuq gazzetta lokali, li sid ta' pompa tal-petrol fir-Rabat (*M&N Camilleri Petrol Station*) kien raħħas il-bejgħ tad-*diesel* għal xi żmien, iżda mbagħad dan kellu jerġa' jbigħ id-*diesel* għall-prezz li kien qabel ir-roħs, peress li allegatament hu kien ġie magħfus li jagħmel hekk mill-kumpanniji li kienu jimlewlu l-pompa tiegħu b'dak il-karburant (*viz*. Il-kumpanniji appellati);

»Waqt li l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni kien qiegħed jistħarreġ il-każ, ġiet mogħtija sentenza mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar il-21 ta' April 2015, fl-ismijiet *Federation of Estate Agents v.* Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) *et* fejn fiha ġie stabbilit li l-mod ta' kif jiġu imposti l-multi amministrattivi taħt il-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta jmur kontra l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

»Sakemm il-każ tal-*Federation of Estate Agents* kien għadu fl-istadju tal-appell, l-Uffiċċju kompla għaddej bl-investigazzjoni tiegħu hekk kif inhu kkontemplat fil-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta;

»Malli l-uffiċċju temm l-ewwel parti tal-investigazzjoni tiegħu fil-15 ta' Jannar 2016, l-uffiċċju bagħat żewġ ittri lill-kumpanniji appellati u lil *M&N Camilleri Petrol Station*, illi bihom id-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) għaddielhom stqarrija ta' oġġezzjonijiet skont l-artikolu 12(A)(1) tal-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta. F'din l-istqarrija, id-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) indika li huwa x'aktarx qed jara ksur tal-artikolu 5 tal-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew tal-artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU). Għalhekk id-direttur ta żmien lill-kumpanniji appellati biex jagħtu r-reazzjonijiet tagħhom, qabel ma d-direttur jgħaddi għall-ġudizzju finali tiegħu;

»Il-kumpanniji appellati tħallew jaraw il-fajl tal-każ tagħhom li fuqu l-uffiċċju sejjes l-istqarrija ta' oġġezzjonijiet. Żmien wara dawn il-kumpanniji bagħtu t-tweġibiet tagħhom bil-miktub fejn huma warrbu l-oġġezzjonijiet imqanqla mid-direttur. F'dawn ir-risposti, il-kumpanniji appellati talbu wkoll li l-uffiċċju jissospendi l-proċeduri tiegħu fil-konfront tagħhom sakemm jinqata' l-appell fl-ismijiet *Federation of Estate Agents .* Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) *et* quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Talbu wkoll sabiex is-sottomissjonijiet orali jsiru nhar il-21 ta' Marzu 2016;

»Illi fl-14 ta' Marzu 2016 l-uffiċċju kkonferma d-data tas-sottomissjonijiet orali u fil-15 ta' Marzu 2016 il-kumpanniji appellati reġgħu talbu lill-uffiċċju sabiex jissospendi l-proċeduri fil-konfront tagħhom;

»Bis-saħħa ta' posta elettronika bid-data ta' 16 ta' Marzu 2016, l-uffiċċju għarraf lill-kumpanniji appellati illi t-talba tagħhom għas-sospensjoni tal-proċeduri ma ġietx milqugħa u li s-sottomissjonijiet orali xorta waħda kellhom isiru kif imħabbar qabel. Is-sottomissjonijiet orali fil-fatt saru quddiem l-uffiċċju nhar il-21 ta' Marzu 2016;

»Sakemm l-uffiċċju kien qiegħed jeżamina l-evidenza kollha mressqa quddiemu biex jagħti d-deċiżjoni finali, ġiet deċiża s-sentenza fl-ismijiet *Federation of Estate Agents v.* Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) *et* mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-3 ta' Mejju 2016. Fiha ġie kkonfermat li l-mod kif jiġu imposti l-multi amministrattivi taħt il-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta jmur kontra l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni iżda ma sabitx li l-liġi hija inkompatibbli mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

»Wara din is-sentenza l-uffiċċju ġie mitlub mill-kumpanniji appellati sabiex jispjega dwar kif sejjer jirregola ruħu. L-uffiċċju wieġeb fil-11 ta' Mejju 2016 illi huwa kien għadu qiegħed jixtarr l-effetti illi ħalliet din is-sentenza. Il-kumpanniji appellati ma qablux mal-pożizzjoni tal-uffiċċju u riedu illi l-każ fil-konfront tagħhom jingħalaq għalkollox;

»Sadanittant it-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur immexxi mill-Onorevoli Mħallef Dr Mark Chetcuti ppronunzja ruħu dwar kif ser jipproċedi fid-dawl ta' din is-sentenza kostituzzjonali, fi tliet każijiet differenti illi huma: (i) Uffiċċju għall-Kompetizzjoni *v.* Korporazzjoni Enemalta wara l-ilment ta' *Attard Services et*, (ii) *A.j.e. Abela Brothers Partnership et v.* Uffiċċju għall-Kompetizzjoni wara l-ilment ta' Carmelo Meli; u (iii) Uffiċċju Għall-Kompetizzjoni Ġust *v.* Korporazzjoni Enemalta *et*;

»F'dawn it-tliet kawżi t-tribunal iddikjara illi peress li l-uffiċċju ddeċieda li ma jimponix multi fil-każijiet illi qegħdin jiġu mismugħa, it-tribunal seta' jisma' l-każijiet mingħajr l-ebda xkiel legali u dan għaliex il-prinċipju ewlieni illi fuqu bbażat is-sentenza tagħha l-Qorti Kostituzzjonali kien dak illi l-uffiċċju qiegħed jikser id-drittijiet fundamentali tal-partijiet investigati għaliex kien qiegħed jimponi multi fil-konfront tagħhom. Ladarba dan l-ostaklu ġie mneħħi, ma kienx għad hemm xi jfixkel lit-tribunal milli jisma' l-kawżi pendenti quddiemu;

»Nhar it-30 ta' Settembru 2016 l-uffiċċju bagħat ittra lill-kumpanniji appellati fejn għarrafhom illi huwa xorta kien ser joħroġ id-deċiżjoni finali tiegħu iżda bil-kundizzjoni illi l-ebda multa amministrattiva ma kienet ser tiġi imposta fil-konfront tal-kumpanniji appellati, minkejja li sab ksur tal-liġi. Id-deċiżjoni finali nħarġet mill-uffiċċju fil-fatt nhar l-4 ta' Ottubru 2016;

»Tressaq appell minn din id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur permezz ta' rikors tal-appell datat 21 ta' Ottubru 2016. Fl-istess żmien huma ppreżentaw ukoll dan ir-rikors kostituzzjonali quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali);

»Fl-ewwel smigħ tas-seduta quddiem it-tribunal, dan tal-aħħar laqa' t-talba tal-kumpanniji appellati u aċċetta li jistenna l-eżitu ta' din il-kawża kostituzzjonali qabel ma jiddeċiedi l-appell.«

6. Relevanti wkoll huma dawn l-osservazzjonijiet li għamlu l-atturi dwar il-fatti tal-każ:

»15. Minn qari tar-rikors tal-appell, huwa faċli li wieħed jieħu l-impressjoni li qisu d-DĠ mill-bidu tal-proċeduri tal-investigazzjoni kien informa lill-*Falzon Group* li hu ma kien ser jimpona l-ebda multa minħabba kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali. Madanakollu, dan mhux riflessjoni tal-mod kif żviluppaw l-affarijiet. Illi għaldaqstant *Falzon Group* jixtiequ jippreċiżaw u jikkjarifikaw is-segewenti:

»a. Meta bdiet l-investigazzjoni min-naħa tal-uffiċju, *Falzon Group* ma rrealizzawx li huma kienu qed jiġu investigati direttament u individwalment għal ksur tal-Kap 379. Huma ngħataw l-impressjoni li dak li kien qed isir kien *sector inquiry* min-naħa tad-DĠ;

»b. Meta, fil-15 ta' Jannar 2016, id-DĠ ħareġ l-i*statement of objections* tiegħu, huma rrealizzaw li din ma kinitx *sector inquiry* iżda investigazzjoni diretta lejhom u l-kondotta tagħhom fis-suq. F'din l-i*statement of objections* id-DĠ informa lill-*Falzon Group* li kien qed jipproponi li tiġi imposta multa "skont il-liġi li jaslu sa għaxra fil-mija tat-*turnover* tal-*group*". Id-DĠ kien qed iqis li t-*turnover* tal-group kien ta' €19,222,018.64. Saħansitra qalu ukoll li ma kienx ser jikkonsidra kwalunkwe *mitigating circumstances* li tista' tnaqqas il-multa;

»ċ. *Falzon Group*, fir-risposta tagħhom, ressqu l-ilmenti tagħhom ta' natura kostituzzjonali u talbu lid-DĠ jissos-

pendi l-proċeduri ta' investigazzjoni pendenti l-eżitu tal-kawża tal-*Federation of Estate Agents*;

»d. Id-DĠ madanakollu ma qabilx. Meta l-kawża tal-*Federation of Estate Agents* ġiet deċiża b'mod definittiv, *Falzon Group* talbu li l-proċeduri tal-investigazzjoni jiġu annullati. Ir-reazzjoni tad-DĠ kienet li kienu qed jistennew bdil leġislattiv u ma kinux ikkomettew dwar l-investigazjoni;

»e. Kien biss xhur wara, fl-aħħar stadju tal-proċeduri kollha quddiemu (u żewġ ġranet utili qabel ma ħarġet id-deċiżjoni finali), li d-DĠ informa lill-*Falzon Group* li multa ma kinitx ser tiġi imposta. Fid-deċiżjoni tiegħu, id-DĠ sab ksur tal-Kap. 379 u ppreċiża li r-raġuni li ma imponiex il-multa fuq *Falzon Group* kien l-eżitu tal-proċeduri kostituzzjonali fil-kawża tal-*Federation of Estate Agents*.

»f. Kif tixhed l-avukat Cornelia Zammit German, il-penali li jistgħu jsofru *Falzon Group* mhix biss piena monetarja /pekunjarja kif stabbilita mill-Kap 379:

> »"F'każ ta' sejbien ta' ksur tal-Kap 379, *Falzon Group* jistgħu jsibu rwieħhom rinfaċċjati b'sanzjonijiet meta jiġu biex jipparteċipaw *f'tender* sabiex jirbħu kuntratt pubbliku. Skont ir-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbliku, *Falzon Group* jistgħu jiġu *blacklisted* u projbiti milli jip-parteċipaw f'*tenders* kemm-il darba jinstabu responsabbli għal ksur tal-Kap. 379. L-effett ta' tali *black listing* fejn *Falzon Group* ma jistgħux jipparteċipaw fi proċedura tal-akkwisti tista' tkun devastanti għalina. Kemm biex nagħti eżempju, bejn l-2015 u 2016 aħna rbaħna *tenders* li kellhom valur fl-eċċess ta' tnax-il miljun Euro li seba' minnhom kienu relatati mal-forniment taż-żejt fis-suq lokali. Dawn is-seba' tenders waħidhom biss jirra-preżentaw 15% tal-bejgħ kollu tagħna taż-żejt fis-suq lokali."

»g. Kif xehed fil-proċeduri d-DĠ, meta kien qed jinvestiga u jasal għal determinazzjoni ta' jekk hemmx ksur, hu ma kkunsidrax il-fatt li skont il-*Public Procurement Regulations Falzon Group* setgħu jiġu *blacklisted* u lanqas ma qiesu r-*requirements* ta' *tenders* pubbliċi li jkollhom bżonn dikjarazzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tal-Kap. 379 *o meno*.

»16. Illi għalaqstant matul il-proċeduri kollha l-intenzjoni kienet li tiġi imposta multa. Kien biss fl-aħħar mument – u minħabba s-sentenza tal-*Federation of Estate Agents* – li d-DĠ ddeċieda ma jimponix multa. Addizjonalment, il-fatt li l-multa ma ġietx imposta ma jfissirx li *Falzon Group* mhumiex ser isofru sanzjonijiet u pieni oħra kif xehdet l-Avukat Cornelia Zammit German.«

7. Fil-kuntest ta' dawn il-fatti, il-qofol tal-appell tal-konvenuti huwa mfisser hekk:

»Illi l-esponenti … huma tal-fehma li biex il-proċeduri ta' infurzar ta' liġi ta' kompetizzjoni jistgħu jitqiesu li huma ta' xejra kriminali jeħtieġ li jkun hemm forma ta' piena jew sanzjoni. Mingħajr piena jew sanzjoni ma jibqa' xejn ta' natura kriminali;

»Billi sewwasew fil-każ tallum il-kumpanniji appellati ma jistgħux jeħlu multi u lanqas pieni minħabba li saret dikjarazzjoni espressa tad-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) f'dan is-sens, allura, fl-opinjoni tal-esponenti, il-proċeduri ta' infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni li qegħdin jiġu attakkati mill-kumpanniji appellati ma jistgħu qatt jitqiesu bħala proċeduri ta' għamla kriminali. La dan hu hekk, dejjem fl-opinjoni tal-esponenti, ma jidħlux fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(1) u (6)(*a*) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, b'dana li l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' applikabbilità ta' dawn l-artikoli kienet tixraq li tiġi milqugħa.«

8. Essenzjalment, it-tweġiba tal-atturi hija din:

»*Falzon Group* ma jaqblux li d-DĠ għandu din id-diskrezzjoni li jbiddel proċeduri minn proċeduri ta' natura kriminali għal dawk ta' natura purament amministrattiva sempliċement għaliex jagħżel li ma jimponix multa. Huma jissottomettu li hija l-liġi kif mfassla li tiddetermina n-natura tal-proċeduri mhux id-DĠ. Id-DĠ m'għandux diskrezzjoni jew poteri li jiddetermina hu jekk persuna li qed tiġi investigata mill-uffiċju tiegħu għandhiex ikollha d-dritt tas-smigħ xieraq jew le.«

9. Ngħaddu issa għall-aggravji tal-appell tal-konvenuti. L-ewwel aggravju jolqot l-apprezzament li għamlet l-ewwel qorti tat-tliet kriterji ta' <u>Engel</u> u ġie mfisser hekk:

»31. L-ewwel raġuni msemmija mill-Ewwel Onorabbli tmiss mat-tlitt kriterji msemmija fis-sentenza <u>Engel u oħrajn *v.* L-Olanda</u>;

»32. Jissokta jingħad li, fil-kuntest ta' x'joħloq akkuża kriminali taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, il-qrati ewropej ma setgħux jistrieħu fuq il-klassifikazzjoni domestika tal-pajjiżi firmatarji għaliex din kienet tvarja skont il-pajjiż u kieku wieħed kellu kull darba joqgħod fuq il-liġi domestika allura dan kien iwassal għal sitwazzjoni li l-artikolu 6 ma japplikax bl-istess mod għall-pajjiżi kollha. Kienet tabilħaqq din id-diversità kbira eżistenti fil-liġi sostantiva tal-pajjiżi firmatarji li xprunat lill-Qorti Ewropea biex fil-każ ta' <u>Engel</u> tistabilixxi test awtonomu u uniformi għall-pajjiżi kollha firmatarji ta' x'joħloq akkuża kriminali għall-għanijiet tal-Konvenzjoni Ewropea. Kien b'dan il-mod biss li setgħet tinżamm interpretazzjoni uniformi madwar l-Ewropa kollha;

»33. F'din is-sentenza, li ġiet imħaddna f'diversi sentenzi mogħtija wara, ġie enfasizzat li l-kunċett ta' akkuża kriminali għandha tingħata interpretazzjoni awtonoma u distinta mill-mod ta' kif din hija regolata taħt il-liġi domestika. … … …

»34. Dejjem fil-każ ta' Engel, il-Qorti Ewropea żviluppat test li għandu jiddetermina x'għandu jitqies bħala 'akkuża kriminali' għall-iskopijiet speċifiċi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Essenzjalment dan it-test huwa mibni fuq dawn il-kriterji li ġejjin:

»i. il-klassifikazzjoni tal-att taħt il-liġi domestika;

»ii. in-natura tal-offiża; u

»iii. in-natura u l-gravità tal-piena;

»35. Issa jekk wieħed kellu japplika dawn it-tlitt kriterji għax-xorta ta' każ li għandna quddiemna wieħed isib li f'dan il-każ il-proċeduri mmexxija mid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) ma jistgħux jitqiesu bħala ta' natura kriminali;

»36 L-ewwel kriterju tal-klassifikazzjoni tal-att taħt il-liġi domestika huwa faċilment megħlub għaliex fil-qafas tal-liġi Maltija, il-proċeduri ta' infurzar ta' kompetizzjoni mhumiex meqjusa bħala proċeduri kriminali iżda bħala proċeduri amministrattivi;

»… … …

»40. Dan l-ewwel kriterju però huwa l-inqas wieħed importanti, għaliex kif ingħad fis-sentenza ta' Engel, dan l-ewwel kriterju, "*is no more than a starting point*". Ngħaddu għalhekk għaż-żewġ kriterji l-oħra li huma aktar deċiżivi għal biex jiġi determinat jekk proċeduri għandhomx jitqiesu bħala ta' sura kriminali jew le;

»41 It-tieni kriterju ta' *Engel* huwa marbut man-natura tal-offiża;

»42. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem joħroġ li hemm għadd ta' fatturi li għandhom jiġi meqjusa fil-kuntest ta' dan it-tieni kriterju. Fost dawn il-fatturi hemm: (i) jekk il-liġi għandhiex saħħa li torbot fuq kulħadd jew inkella fuq gruppi speċifiċi biss (ara Bendenoun *v.* Franza tal-24 ta' Frar 1994; (ii) jekk il-proċeduri jsirux minn awtoritajiet pubbliċi b'setgħat legali ta' infurzar (ara Benham *v.* Ir-Renju Unit tal-10 ta' Ġunju 1996); (iii) jekk dak li huwa projbit bil-liġi huwiex marbut b'deterrent jew kastig (ara Jussila *v.* Il-Finlandja (GC) tat-23 ta' Novembru 2006); (iv) jekk l-għoti ta' penali hijiex marbuta mas-sejbien ta' ħtija (ara Benham *v.* Ir-Renju Unit tal-10 ta' Ġunju 1996); (v) jekk l-att inkwistjoni huwiex meqjus bħala reat kriminali fl-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa (ara Öztürk *v.* Il-Ġermanja tal-21 ta' Frar 1984); u (vi) jekk il-ħtija tiġix imniżżla f'xi reġistru kriminali jew le (ara Ravnsborg *v.* L-Iżvezja tat-23 ta' Marzu 1994);

»43. Illi fil-fehma tal-esponenti jekk wieħed iqis dawn il-fatturi flimkien għall-każ tagħna, wieħed isib li l-proċeduri mmexxija mid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) kontra l-kumpanniji appellati ma jistgħux jitqiesu li huma ta' għamla kriminali taħt dan it-tieni kriterju;

»44. Dan qed jingħad għaliex il-liġi tal-kompetizzjoni kif miġjuba fil-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta ma torbotx liċ-ċittadini kollha iżda tgħodd biss fil-konfront ta' intrapriżi, kif imfissra fl-artikolu 2 ta' dik il-liġi. Barra minn hekk, fil-każ tal-lum is-sejbien ta' ksur tal-artikolu 5 tal-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta mhijiex ħa twassal għal għoti ta' piena, multa jew xort'oħra ta' kastig min-naħa tad-

Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni). Tassew l-iskop tal-proċeduri mnedija mid-Direttur Ġenerali huma maħsuba biss li jieqfu mad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni u għal ebda forma ta' sanzjoni jew deterrent. Hekk ukoll, il-proċedura mnedija mid-Direttur Ġenerali mhijiex ħa twassal għal xi reġistrazzjoni ta' xi reat f'xi reġistru kriminali;

»45. Aktar minn hekk, jekk wieħed iħares lejn kif l-istati membri l-oħra tal-Kunsill tal-Ewropa jħarsu lejn ftehim u prattiċi li jfixklu l-kompetizzjoni, wieħed isib li ħafna minnhom ma jikklassifikawx għemejjel bħal dawn taħt il-liġi kriminali;

»46. Biżżejjed jingħad li … skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea, li fiha tiġbor 28 pajjiż mis-47 pajjiż li huwa parti mill-Kunsill tal-Ewropa, deċiżjonijiet meħuda fil-kuntest ta' infurzar ta' liġi dwar il-ħarsien tal-kompetizzjoni mhumiex meqjusa ta' natura li jaqgħu taħt il-liġi kriminali (ara Regolament 23(5) tar-Regolament tal-Kunsill numru 1/2003);

»47. Dwar dan, intqal fis-sentenza *Cimenteries CBR SA v.* Il-Kummissjoni (T-25-95). deċiża mill-*Court of First Instance (Fourth Chamber, Extended Composition)* fil-15 ta' Marzu 2000 li,

> »"It is settled case-law that the Commission is not a 'tribunal' within the meaning of Article 6 of the ECHR (Joined Cases 209/78 to 215/78 and 218/78 *Van Landewyck v Commission* [1980] ECR 3125, paragraph 81, and *Musique Diffusion Française*, cited at paragraph 439 above, paragraph 7; T-11/89 *Shell v Commission*, cited at paragraph 323 above, paragraph 39). Moreover; Article 15(4) of Regulation No 17 [illum regolament 23.5 tar-Regolament 1/2003] specifically provides that decisions of the Commission to impose fines for infringement of competition law are not of a criminal law nature (Case T-83/91 *Tetra Pak v Commission* [1994] ECR II-755, paragraph 235). Even though the Commission is not a 'tribunal' within the meaning of Article 6 of the ECHR, and even though the fines imposed by the Commission are not of a criminal law nature, the Commission must nevertheless observe the general principles of Community law during the administrative procedure (*Musique Diffusion Française v Commission*, cited at paragraph 439 above, paragraph 8, and T-11/89 *Shell v Commission*, cited at paragraph 323 above, paragraph 39). However, the fact that the Commission both investigates and makes findings of infringements of Article 85 and/or Article 86 of the Treaty does not of itself constitute a breach of a general principle of Community law (Case T-348/94 *Enso Española v Commission* [1998] ECR II-1875, paragraph 56). Accordingly, the Court must reject the argument put forward by Aalborg, Asland and Blue Circle that the contested decision is unlawful on the ground that it was adopted under a system in which the Commission carries out both investigatory and decision-making functions.

»48. Tabiħaqq, il-parti l-kbira tal-istati membri tal-Unjoni Ewropea jimxu sewwasew wara dan il-mudell tal-Unjoni Ewropea, li jqisu

proċeduri marbuta ma' infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni bħala proċeduri ta' xejra amministrattiva. Kemm hu hekk, f'dokument li ġie ppublikat mill-Kummissjoni Ewropea fid-9 ta' Lulju 20141, jidher biċ-ċar kif il-parti l-kbira tal-mudelli li jimxu fuqhom l-istati membri huwa bħal dak tal-Kummissjoni Ewropea u allura anki bħal Malta. Dan id-dokument jisħaq kif:

> »"At present, two basic institutional models can be distinguished among the NCAs. The most common institutional model within the ECN is the administrative model where a single administrative authority investigates cases and takes enforcement decisions subject to judicial control. It currently exists for all, or part, of the types of decisions taken in the large majority of Member States, with variations in the internal structures of the authorities3. Two main configurations can be distinguished within this model, which are almost evenly divided among the different jurisdictions. The first involves a functional separation between the investigative and decision-making activities of the single administrative institution whereby the inquiry is carried out by investigation services and the final decision is adopted by a board/college/council of this administrative institution. Within this structure, there may be significant differences in terms of internal organisation and relationship between the different bodies. For example, in France and Spain a full functional separation between investigative and decision-making bodies has been set up, where their respective competences are carried out independently from one another. The second configuration follows a more unitary structure and does not have different bodies carrying out different steps in the procedure although there may be different divisions (*e.g.* a Competition department and a Legal department) inside these authorities that deal with separate aspects of the same case.
>
> »"A small minority of other Member States operate a judicial model, where, in essence, an administrative authority carries out the investigation and then brings the cases before a court, either for a decision on substance and on sanctions (if any) or in relation to the imposition of sanctions only. The 'dual' administrative model, where one body is in charge of the investigation into cases and hands them over at the end of the investigation to another body in charge of decision-making, previously also existed in a number of Member States. However, they have all moved to the single administrative model. Irrespective of the institutional model, decisions of NCAs are subject to judicial review – most often including more than one tier of appeal."

»49. Dan premess, jerġa' jiġi mfakkar li taħt it-tieni kriterju tal-Engel, għemil partikolari jitqies bħala ta' natura kriminali skont kif inhuwa klassifikat fi stati membri oħra tal-Kunsill tal-Ewropa. Ifisser dan li, jekk f'ħafna stati membri l-att huwa meqjus bħala reat, allura hemm iktar ċans li l-att jitqies bħala kriminali anke fil-qafas internazzjonali. Bil-maqlub, jekk l-għemil ma jitqiesx bħala

att kriminali f'ħafna stati membri, allura dak l-għemil jitlef ħafna mill-karattru kriminali tiegħu;

»50. Sewwasew fil-każ tagħna, ħafna mill-istati membri tal-Unjoni Ewropea, fosthom Malta, li huma wkoll membri tal-Kunsill tal-Ewropa, ma jqisux proċeduri dwar ħarsien tal-kompetizzjoni bħala proċeduri ta' sura kriminali iżda jqisuhom bħala proċeduri amministrattivi;

»51. Sabiex wieħed ikompli ma' din in-nisġa ta' ħsieb fuq in-natura tal-azzjoni, tajjeb li ssir riferenza wkoll għall-opinjoni legali li ngħatat mill-Avukat Ġenerali Sharpston nhar l-10 ta' Frar 2011, fil-każ *KME Germany AG, KME France SAS and KME Italy SpA v.* Il-Kummissjoni Ewropea;

»52. L-Avukat Ġenerali Sharpston f'paragrafi 64 u 65 tal-fehma tagħha tirreferi għal żewġ xenarji differenti. Fl-ewwel xenarju, il-każ tal-kompetizzjoni jinqabad fl-isfera kriminali minħabba l-fatt illi tiġi imposta multa sa massimu ta' 10% tad-dħul mill-bejgħ annwali. Filwaqt lim fit-tieni xenarju, il-każ tal-kompetizzjoni ma jaqax fl-ambitu kriminali għaliex ma jkunx hemm multi amministrattivi iżda l-impożizzjoni ta' miżuri u rimedji oħra. Fir-rigward ta' dan l-aħħar xenarju, l-Avukat Ġenerali Sharpston tagħmel riferenza għal sentenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet *Neste St Petersburg* u oħrajn *v.* Ir-Russja deċiża fit-3 ta' Ġunju 2004, fejn fiha każ partikolari dwar infurzar ta' liġi tal-kompetizzjoni ma ġiex meqjus li huwa ta' xejra kriminali;

»53. F'din l-opinjoni tagħha, l-Avukat Ġenerali stqarret hekk:

> »"64. Fid-dawl ta' dawn il-kriterji, ma nsibx wisq diffikultà biex nikkonkludi li l-proċedura li permezz tagħha tiġi imposta multa għall-ksur tal-projbizzjoni ta' akkordji dwar l-iffissar tal-prezzijiet u t-tqassim tas-suq fl-Artikolu 81(1) KE taqa' taħt il-"kategorija kriminali" tal-Artikolu 6 KEDB kif iddefinita b'mod progressiv mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-projbizzjoni u l-possibbiltà li tiġi imposta multa huma kkristalizzati wkoll f'leġiżlazzjoni primarja u sekondarja ta' applikazzjoni ġenerali; il-ksur jinvolvi aġir li ġeneralment jitqies bħala illeċitu, għad-detriment tal-pubbliku ġenerali, karatteristika li għandhom ukoll ir-reati kriminali b'mod ġenerali u li ġġorr stigma ċara; ma hemm ebda dubju li multa sa massimu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ annwali hija bla dubju waħda severa, u tista' saħansitra twassal biex impriża tfalli; u l-intenzjoni hija espliċitament sabiex tikkastiga u li sservi bħala deterrent, b'ebda element ta' kumpens għad-danni.
>
> »"65. Huwa minnu wkoll li, kif irrimarkat il-Kummissjoni, fis-sentenza *Neste*, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkunsidrat li ċerti aspetti tal-infurzar tad-dritt Russu tal-kompetizzjoni jaqgħu 'l barra mill-isfera kriminali. Madankollu, il-fatturi li ħadet inkunsiderazzjoni f'din il-kawża jidhru li kienu ferm differenti minn dawk fis-sitwazzjoni li għandna quddiemna f'din il-kawża. Hija enfasizzat li r-regoli rilevanti ta' kontra l-monopolji japplikaw biss għal relazzjonijiet li jinfluwenzaw il-kompetizzjoni fi swieq tal-prodotti bażiċi u b'hekk kienu ristretti fl-applikazzjoni

tagħhom; li kienu mmirati lejn il-protezzjoni u r-ristabbiliment tal-kompetizzjoni; u li l-miżuri li setgħu jiġu imposti ma kinux "sanzjonijiet *per se*", iżda inġunzjonijiet, flimkien mal-konfiska ta' qligħ illeċitu intiża sabiex tipprovdi kumpens finanzjarju għad-danni iktar milli sanzjoni intiża bħala deterrent kontra r-reċidiva.

»54. Jissokta jingħad li fil-każ ta' _*Neste St Petersburg* u oħrajn *v.* Ir-Russja_, kien hemm sejbien ta' ksur tal-kompetizzjoni mill-awtoritajiet Russi, kif ukoll l-impożizzjoni ta' miżuri oħra li iżda ma kinux multi. Ta' min josserva wkoll illi f'dak il-każ l-awtorità tal-kompetizzjoni Russa saħansitra sabet prattika miftiehma bejn intrapriżi bl-għan li jgħollu l-prezzijiet fis-suq tal-karburant. Min-kejja dan kollu però l-Qorti Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem xorta waħda warrbet dan il-każ mill-isfera kriminali. Kif tenniet il-Qorti Ewropea fil-każ ta' _*Neste St. Petersburg* u oħrajn *v.* Ir-Russja_, *"it is more appropriate to consider the applicant companies' individual situation against the principal criteria defining the notion of "criminal*";

»55. Il-Qorti Ewropea kienet kategorika meta qalet li l-proċeduri inkwistjoni riedu jiġu analizzati fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħha, biex minn hemm imbagħad wieħed jiddetermina jekk il-kriterji ta' _Engel_ humiex preżenti jew le. Dan għax mhux kull każ ta' infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni huwa ta' natura kriminali, b'dana li kull każ għandu storja għalih;

»56. Minbarra dan, dejjem fl-istess sentenza, il-Qorti Ewropea saħqet illi,

> »"the Court notes that section 6-1 of the Competition Law, under which the applicant companies were charged, does not provide for any specific sanctions as such. Offenders must, nevertheless, comply with orders issued by the TU MAP pursuant to section 12 of the Law. These orders range from a simple warning to stop monopolistic activity to compulsory division of the company. In the Court's opinion these powers of the TU MAP belong to regulatory field. So does the confiscation of unlawfully gained profit, to which the applicant companies were subjected. The Court considers that this order is intended as pecuniary compensation for damage rather than as a punishment to deter re-offending."

»57. Għaldaqstant, huwa vitali li wieħed jara l-artikolu tal-liġi u ċ-ċirkostanzi partikolari li fuqhom l-intrapriża tkun ġiet akkużata. Kif tkompli tosserva l-Qorti Ewropea, "*the Court notes that section 6-1 of the Competition Law, under which the applicant companies were charged, does not provide for any specific sanctions as such*". Sewwawsew fil-każ li kien hemm quddiem il-Qorti Ewropea, għalkemm l-intrapriżi involuti kienu nstabu li kisru l-liġi tal-kompetizzjoni, din il-liġi ma kinitx tipprovdi għall-imposizzjoni ta' xi multa;

»58. Il-każ ma tqisx li jaqa' fl-isfera kriminali għaliex, "*the powers of antimonopoloy authorities, as set out in section 12 of the Law, are aimed at prevention of disturbances of competition and its restoration if disturbances take place. It does not appear that the main goal of the process is to punish and deter offenders*";

»59. Issa skont l-artikolu 12 tal-liġi Russa, kif ċitata fis-sentenza fuq imsemmija,

> »"The anti-monopoly authority may:
>
> »"1. carry out investigations if there is evidence of violations of antimonopoly regulations, issue decisions and orders based on the result of the investigations
>
> »"2. issue mandatory orders in respect of business entities concerning:
>
> »"- prevention of activity which may violate antimonopoly laws;
>
> »"- removal of consequences of violations of antimonopoly laws;
>
> »"- restoration of the situation which existed before a violation of antimonopoly laws happened;
>
> »"- compulsory division of a company …;
>
> »"- amendment or rescission of contracts …;
>
> »"- signing of contracts with business entities;
>
> »"- payment to the State budget of proceeds gained as a result of a violation of antimonopoly laws;
>
> »"- change or restricted use of a trade-mark;
>
> »"- carrying out ... measures aimed at prevention of discriminatory conditions;
>
> »"- taking steps aimed at ensuring of competition …
>
> »"- 4. impose administrative sanctions for breaches of antimonopoly law on companies ..., their managers ... in accordance with the law on administrative offences..."

»60. L-ebda wieħed minn dawn ir-rimedji jew sanzjonijiet ma ġew mitfugħa fil-keffa kriminali. Għall-kuntrarju, dawn ir-rimedji fosthom l-ordni sabiex jieqaf l-aġir antikompetittiv, it-teħid ta miżuri bl-għan li jieqfu l-kundizzjonijiet antikompetittivi, it-teħid ta' miżuri sabiex tiġi ripristinata l-kompetizzjoni u l-annullament ta' kuntratti antikompetittivi ma tqisux li huma miżuri ta' xejra kriminali iżda miżuri ta' xejra amministrattiva;

»61. Jispikka wkoll il-fatt illi d-diviżjoni ta' kumpannija, li jitqies rimedju stutturali u għalhekk ferm aħrax u oneruż għall-intrapriża minn rimedju ta' mġieba, ukoll tqis fis-sentenza <u>*Neste St Petersburg* u oħrajn *v.* Ir-Russja</u> bħala rimedju li jaħrab l-ambitu kriminali, għaliex ġie meqjus li jifforma parti mill-aġir regolatorju tal-awtorità tal-kompetizzjoni;

»62. Ħafna mir-rimedji hawn fuq imsemmija jistgħu jittieħdu mid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) stess taħt il-liġi Maltija tal-kompetizzjoni. Bħall-każ ta' <u>*Neste St Petersburg*</u>, dawn kollha huma rimedji illi, kif fissret tajjeb l-Avukat Ġenerali Sharpston, għandhom l-għan illi jkun immirati lejn il-protezzjoni u t-treġġigħ lura tal-kompetizzjoni xierqa;

»63. Huwa interessanti, kif lanqas it-twaħħil ta' multi minħabba intralċ u/jew nuqqas ta' kooperazzjoni fl-investigazzjoni ma tqisu li

huma ta' għamla kriminali. Kemm hu hekk, il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem qalet, "*Even though section 12-4 of the Law empowers the antimonoply bodies to impose administrative sanctions, it follows from section 23 that these sanctions are imposed for obstructing the authorities investigation, and do not serve as punishment for substantive anti-monopoly violations*";

»64. Għalhekk b'analoġija jew xebħ, bħalma fil-każ ta' Neste St Petersburg u oħrajn *v.* Ir-Russja ġie stabbilt li l-proċeduri ta' infurzar ta' kompetizzjoni ma kinux jaqgħu fl-isfera kriminali, hekk ukoll f'dan il-każ il-proċeduri mibdija mid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) kellhom jitqiesu wkoll mill-Ewwel Onorabblii Qorti bħala li ma jaqgħux taħt il-kappa tal-liġi kriminali. *Argumentum simili valet in lege*;

»65. Tassew fil-każ preżenti, għalkemm il-kumpanniji appellati nstabu li kisru dispożizzjoni partikolari tal-liġi dwar il-kompetizzjoni, id-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) għamilha ċara li huwa ma kienx sejjer jimponi multa kontrihom skont l-artikolu 21(1) tal-Att dwar il-Kompetizzjoni. Terġa' u tgħid, fil-każ tal-kumpanniji appellati lanqas ma hemm il-biża' ta' xi ordni ta' konfiska fuq qligħ illeċitu jew xi miżuri amministrattivi oħra bħalma kien hemm fil-kawża ta' *Neste St Petersburg* u oħrajn *v.* Ir-Russja. Kulma hemm fil-każ tal-lum huwa dikjarazzjoni biss ta' ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni mingħajr twaħħil ta' multa, konfiska jew miżura oħra;

»66. Ifisser għalhekk li fil-każ tal-kumpanniji appellati, fuq is-saħħa wkoll tal-ġurisprudenza fuq imsemmija, ma jistax jingħad li kontrihom kien hemm proċeduri ta' xejra kriminali;

»67. Jiġi b'dan li, meta wieħed iqis dan kollu, l-esponenti jaslu għall-fehma li anke meta wieħed jikkunsidra dan it-tieni kriterju tal-Engel, wieħed ma jistax jgħid li f'dan il-każ il-proċeduri meħuda kontra l-kumpanniji appellati kienu ta' natura kriminali;

»68. Jifdal biss it-tielet kriterju tal-Engel, dak dwar in-natura u l-gravità tal-piena;

»69. Skont il-ġurisprudenza Ewropea, taħt dan il-kriterju wieħed irid iqis il-massimu tal-piena li wieħed huwa espost għalih (ara Campbell u Fell *v.* Ir-Renju Unit tat-28 ta' Ġunju 1984). Ġie stabbilit ukoll li, jekk it-tieni kriterju tal-Engel ma jkunx megħlub, il-fatt li l-piena amministrattiva għal dak l-għemil tkun waħda relattivament baxxa, dan xorta waħda ma jeħlisx lil dak l-għemil milli jiġi mistħarreġ mil-lenti tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea bħala akkuża kriminali (ara Jussila *v.* Il-Finlandja (GC) tat-23 ta' Novembru 2006);

»70. Illi fil-każ tal-lum ġà ġie stabbilit li t-tieni kriterju tal-Engel mhux preżenti. Minbarra dan, ġie dikjarat ukoll li l-kumpanniji appellati mhumiex sejrin jirċievu sanzjoni, multa jew penali minħabba s-sejbien ta' ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni. Ifisser għalhekk li ladarba l-kumpanniji appellati mhumiex ħa jirċievu piena minħabba l-għemil anti-kompetittiv tagħhom, it-tielet kriterju tal-Engel jinsab eskluż ukoll;

»71. Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, darba li ġie misjub li f'dan il-każ l-ebda wieħed mit-tliet kriterji maħluqa bis-sentenza ta' Engel ma huwa preżenti, l-ewwel raġuni msemmija mill-ewwel onorabbli qorti biex warrbet l-eċċezzjoni preliminari dwar l-appikabbilità tad-dispożizzjonijiet tal-jedd tas-smigħ xieraq ma kinitx siewja u għalhekk jeħtieġ li din id-deċiżjoni tiġi mwarrba.«

10. L-atturi wieġbu hekk:

»17. Fil-kawża tal-*Federation of Estate Agents*, u fuq skorta ta' ġurisprudenza kostanti tal-QEDB, din l-onorabbli qorti sabet li, għalkemm dawn il-proċeduri huma amministrattivi, għandhom ukoll element ta' natura kriminali – saħansitra hemm dikjar-azzjoni li dawn id-dispożizzjonijiet jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem. … … …

»18. Għalkemm mhuwiex ċar għalfejn qed jagħmlu hekk (għaliex, milli wieħed jista' jifhem, l-uniku kwistjoni huwa jekk id-DĠ għandux diskrezzjoni jbiddel in-natura tal-proċeduri minn dawk ta' xejra kriminali għal proċeduri amministrattivi billi ma jimponix multa), fir-rikors tal-appell l-intimati donnhom qed jagħmlu sottomissjonijiet sabiex jirribattu dik il-ġurisprudenza kostanti tal-QEDB kif ukoll id-deċiżjoni ta' din l-onorabbli qorti fil-kawża *Federation of Estate Agents*. Kif jirriżulta b'mod ċar mill-ġurisprudenza kkwotata fin-nota tas-sottomissjonijiet ta' *Falzon Group*, b'mod partikolari għall-kawżi ta' Engel & Others, Jusilla u Bendenoun *v.* France, wieħed għandu jikkonsidra s-segwenti kriterji sabiex jikkonkludi jekk liġi tistabilixxi proċeduri li jieħdu jieħdu xejra ta' natura kriminali u għaldaqstant jaqgħu taħt il-limiti tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jew l-artikolu 39:

»a. il-klassifikazzjoni domestika – jekk ir-reat huwiex wieħed li jaqa' taħt natura kriminali jew wieħed ta' dixxiplina, jew it-tnejn;

»b. in-natura tar-reat

»ċ il-livell ta' severità tal-piena li tista' tingħata. F'dan ir-rigward, meta tkun qed tikkunsidra l-piena f'forma ta' multa, il-QEDB qalet li trid tkun sodisfatta bis-segwenti: (a) il-liġi li tistipula l-penali tkopri ċ-ċittadini kollha fil-kapaċità tagħhom ta' *taxpayers,* (b) is-*surcharge* ma kinitx intiża bħala kumpens pekunjarju għad-danni imma essenzjalment bħala piena li tiskoraġġixxi lil min jerġa joffendi, (ċ) il-multa tiġi imposta taħt regola ġenerali b'għanijiet kemm deterrenti u punitivi.

»19. Issa fis-sentenza tal-*Federation of Estate Agents,* il-Qorti Kostituzzjonali, wara li qieset dawn il-kriterji, ikkonkludiet li d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kap. 379 huma tali li jaqgħu fil-limitu tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Jiġi umilment sottomess li l-prinċipju jibqa' l-istess f'din il-kawża u l-intimati huma żbaljati meta jgħidu li l-fatt li d-DĠ ddeċieda li ma jimponix multa jfisser li għaldaqstant *Falzon Group* m'għadx ikun baqagħlhom il-protezzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq.

»20. Addizjonalment, sabiex jippruvaw issaħħu s-sottomissjoni tagħhom, l-intimati jistrieħu fuq il-kawża ta' Neste St Petersburg u ohrajn v. ir-Russja u jagħmlu analoġija bejn is-setgħat tal-awtorità tal-kompetizzjoni Russa u dawk tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni. Tabilħaqq, il-QEDB stabbiliet li l-awtorità tal-kompetizzjoni Russa sempliċement ma kinitx kompetenti li timponi sanzjonijiet speċifiċi għal vjolazzjonijiet sostantivi dwar il-liġi tal-kompetizzjoni. Anzi, is-setgħat tal-awtorità tal-kompetizzjoni Russa kienu limitati għal miżuri purament amministrattivi relatat mal-proċess investigattiv. Il-miżura ta' konfiska ta' profitt miksub minn żidiet illegali fil-prezzijiet tal-fjuwil servew primarjament bħala kumpens pekunjarju għad-dannu mġarrab.

»21. Għalhekk mhix sorpriża li l-QEDB ċaħdet l-ilment mill-bejjiegħa tal-fjuwil Russi bħala *ratione materiæ* inammissibbli taħt il-Konvenzjoni Ewropea. Penali intenzjonata li tkun kemm punittiva u maħsuba bhala deterrent, inevitabbilment taqa' fil-qasam tal-liġi kriminali. Filwaqt li, għall-kuntrarju, miżura li tfittex rimedju pekunjarju hija purament amministrattiva.

»22. Issa, il-Kap. 379 espliċitament, jipprovdi lid-DĠ bis-setgħa li jimponi multa ta' mhux aktar minn 10% tad-dħul totali tal-intrapiża. B'kuntrast għar-regolamenti kontra l-monopolji fir-Russja, id-DĠ huwa fil-fatt kompetenti li jimponi sanzjoni speċifika għal vjolazzjoni tal-artikolu 5 tal-Att u, jew tal-artikolu 101 u 102 tat-TFEU u diġà ġie stabbilit li dan it-tip ta' sanzjoni huwa primarjament punittiva u intiża bħala deterrent. Għalhekk, id-DĠ innifsu jipprovvdi eżempju perfett li hija n-natura tar-reat u s-severità tal-multa potenzjali permessa mil-liġi li jikkaratterizza jekk reati tal-liġi tal-kompetizzjoni għandhomx jitqiesu bħala "kriminali" – żgur mhux id-diskrezzjoni tad-DĠ.

»23. *Falzon Group* jissottomettu bir-rispett li jsibuha diffiċli ferm jifhmu kif l-intimati jistgħu jieħdu l-posizzjoni li d-DĠ għandu xi poter juża d-diskrezzjoni tiegħu biex f'daqqa t'għajn ibiddel in-natura u l-bażi ta' proċeduri legali minn waħda li għandha elementi kemm amministrattivi u kriminali għal waħda biss amministrattiva. Dan huwa żbaljat u saħansitra *ultra vires* il-liġi u l-poteri mogħnija lid-DĠ.

»24. Jekk proċedura ta' investigazzjoni hija waħda ta' natura kriminali *o meno* ma jistax jiddeċidiha d-DĠ, skont jekk jimponix multa jew le. Il-klassifikazzjoni ta' tali proċedura toħroġ mill-liġi stess – ma tistax titbiddel minħabba l-użu ta' diskrezzjoni ta' awtorità pubblika li tkun iddeċidiet li ma timponix piena jew anke saħansitra jekk fl-aħħar tal-proċedura ma jinstabx li hemm ksur. Dan huwa essenzjali sabiex jiġu garantiti d-drittijiet tal-persuni li qed jiġu nvestigati.

»25. Tajjeb li jingħad li skont l-artikolu 6 u l-artikolu 39(1), persuna li qed tiġi aakużata b'xi reat għandha ċertu drittijiet fundamentali li għandhom jiġu salvagwardjati anke fl-istadju ta' investigazzjoni. Illi bir-raġunament tal-intimati huma jippretendu li persuna li qed tiġi investigata m'għandiex tkun taf xi drittijiet għandha fir-rigward tal-investigazzjoni u jekk għandhiex il-protezzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39(1): dan għandu jitħalla fid-diskrezzjoni totali tad-DĠ. Dan ma jagħmel l-ebda sens u

huwa ta' preġudizzju kbir għal kull min jiġi investigat u sussegwentement akkużat bi ksur tal-Kap. 379. Id-DĠ bħala uffiċjal pubbliku għandu responsabbiltà kbira li jara li min qed jiġi investigat ikun jaf sew x'inhuma d-drittijiet tiegħu u ma jista' jkun hemm l-ebda inċertezza dwar x'tip ta' proċeduri qed jiġu kondotti. Id-DĠ ma jistax jippretendi li għandu l-poter ibiddel il-klassifikazzjoni tal-proċedura li ġiet imfassla mil-liġi: ma jistax hu jiddetermina min għandu jkollu d-dritt ta' smigħ xieraq u l-protezzjoni tal-drittijiet fundamentali tal-bniedem u min ma għandux. Anzi, a kuntrarju, id-DĠ fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu għandu joqgħod attent li jimxi skont il-parametri tal-liġi stess u jara li fil-proċeduri tal-investigazzjoni ma jiksirx id-disposizzjonijiet tal-liġi, inklużi prinċipji fundamentali tad-dritt tas-smigħ xieraq.

»26. Bħala analoġija, jekk wieħed jitressaq il-qorti, taħt akkuża li jkun ikkommetta xi reat (żgħir kemm u żgħir) u wara joħroġ illiberat jew inkella jingħata biss *reprimand* mill-qorti, dan ifisser li l-proċeduri kollha ma bagħux ta' natura kriminali? Żgur li le: il-proċeduri minn dejjem kienu ta' natura kriminali u l-protezzjoni mogħtija mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni ta' smigħ xieraq xorta japplikaw. Li kieku dan ma kienx il-każ, jiġifieri li d-drittijiet tal-bniedem huma skont il-ħniena u suggettività ta' dak li jkun, u mhux iggarantiti obbjettivament mil-liġi. Il-proċedura tibqa' waħda ta' natura kriminali anke jekk wieħed jiġi illiberat mill-akkużi jew ma jiġix immultat.

»27. Madankollu, però, huwa dak li qed jippretendi d-DĠ – li fl-aħħar mill-aħħar hu jbiddel in-natura tal-azzjoni, skont kif jidhirlu hu. Anke jekk wieħed jieħu in konsiderazzjoni il-kawża tal-*Federation of Estate Agents* suċċitata u s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, *Falzon Group* jissottomettu li l-posizzjoni tad-DĠ huwa *non sequitur*. F'dik is-sentenza l-qorti kkonkludiet li l-proċedura kienet waħda ta' natura kriminali saħansitra qabel ma ġiet konkluża l-investigazzjoni. Ma kien hemm l-ebda multa li ġiet imposta min-naħa tad-DĠ f'dak il-każ u dan għaliex il-proċess min-naħa ta' DĠ ma kienx ġie konkluż. Allura, jekk wieħed jadotta l-ħsieb li għandu d-DĠ, li kieku *Falzon Group* bdew proċeduri ta' natura kostituzzjonali qabel ma ħa d-deċiżjoni tiegħu d-DĠ, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni kienu japplikaw u għaldaqstant kien ikun hemm konklużjoni li l-proċess jilledi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Madankollu, għaliex *Falzon Group* ressqu din il-kawża kostituzzjonali wara d-deċiżjoni (*nonostante* l-fatt li kienu ilhom iqajmu din il-kwistjoni mad-DĠ), l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma japplikawx il-għaliex ma kien hemm l-ebda multa imposta. Jiġi umilment sottomess li dan ir-raġunament ma jagħmel l-ebda sens.

»28. Wieħed jista' jifhem il-frustrazzjoni tad-DĠ li wara d-deċiżjoni tal-*Federation of Estate Agents* jinstab f'limbu – għaliex ġie kompromess serjament il-poter tiegħu. Anke mill-korrispondenza eżebita in atti stess, jirriżulta li d-DĠ ma kienx jaf kif ser jipproċedi wara d-deċiżjoni tal-*Federation of Estate Agents* tal-Qorti Kostituzzjonali, u kien l-ewwel informa lill-*Falzon Group* li hu kien ser jipproċedi f'dawn il-proċeduri wara li jkunu saru t-

tibdiliet leġislattivi: Fl-*email* tas-6 ta' Mejju 2016, id-DĠ informa lill-*Falzon Group* filfatt li wara tali sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali: "*The Office shall await future legislative changes and shall proceed accordingly"*. Sussegwentement, meta kien irriżultalha li dawn it-tibdiliet ma kinux ser isiru (u fil-fatt jekk wieħed jħares lejn il-Kap. 379 dawn it-tibdiliet għandhom ma sarux) id-DĠ biddel il-pożizzjoni tiegħu. Hu pprova joħroġ mid-dikjarazzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li l-artikolu 12A, 13, 13A u 21 tal-Kap. 379 huma anti-kostituzzjonali billi jgħid li, jekk ma jimponix multa, hu kien ser ibiddel in-natura tal-proċedura għall-waħda amministrattiva u għaldaqstant ma jkun hemm l-ebda dritt ta' smigħ xieraq.

»29 Dan mhuwiex korrett. Kif qalet tajjeb il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tal-<u>*Federation of Estate Agents*</u>: "id-dritt ta' smigħ xieraq ma jistax jiġi sagrifikat għall-għanijiet ta' effiċjenza u konformità". Huwa għalhekk ukoll li wieħed ma jistax jaqbel mal-verbali ppreżentati mid-DĠ li juru li t-tribunal iddeċieda jipproċedi xorta bil-proċeduri tal-appelli kemm-il darba d-DĠ jiddikjara li mhux ser jimponi multa. Mingħajr preġudizzju għall-fatt li t-tribunal m'għandux is-setgħa li jiddetermina kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali (tant li ssospenda l-appell ta' *Falzon Group* sakemm tinqata' din il-kawża kostituzzjonali) jingħad li wieħed ma jistax għall-finijiet tal-effiċenzja jinjora prinċipji legali stretti u bażiċi.«

11. Il-kwistjonijiet essenzjalment huma tnejn: i. l-ewwelnett jekk, billi l-konvenut Direttur Ġenerali jiddikjara li ma huwiex sejjer jimponi multa, dan jibdilx in-natura tal-proċeduri minn kriminali għal amministrattivi; u ii. jekk (kemm għax it-tieni u t-tielet kriterji ta' <u>Engel</u> ma humiex neċesarjament kumulativi iżda jistgħu jkunu wkoll alternativi, kif ukoll għax hemm sanzjonjiet oħrajn li jistgħu jiġu imposti barra l-multa) il-fatt biss li jingħad li ma hijiex sejra tiġi imposta multa huwiex biżżejjed biex il-proċeduri ma jitqisux aktar ta' natura kriminali.

12. Għandu jingħad qabel xejn illi, fid-dawl ukoll tal-konsiderazzjonijiet magħmula minn din il-qorti fis-sentenza tal-<u>*Federation of Estate Agents*</u>, ma jistax jiġi serjament kontestat illi, għallinqas sakemm id-Direttur Ġenerali iddikjara li ma kienx sejjer jimponi multa, il-proċeduri kienu ta' natura kriminali u għalhekk għandhom raġun l-atturi jgħidu li,

għall-inqas sa dak il-waqt, kellhom jitħarsu l-garanziji kollha li l-liġi tagħti lil min ikun mixli fi proċeduri kriminali. Il-kwistjoni għalhekk tiġi jekk dan huwiex biżżejjed, issa li d-Direttur Ġenerali ntrabat li ma jimponix multi, biex jitħassru l-proċeduri li ttieħdu kontra l-atturi.

13. Nibdew billi naraw mela jekk, billi l-konvenut Direttur Ġenerali jiddikjara li ma huwiex sejjer jimponi multa, dan jibdilx in-natura tal-proċeduri minn kriminali għal amministrativi.

14. Il-qorti tifhem illi l-kwistjoni ma hijiex tant jekk id-Direttur Ġenerali għandux is-setgħa li unilateralment, bid-deċiżjoni tiegħu li ma jimponix multa, ibiddel in-natura tal-proċeduri – kif iqegħduha l-atturi – iżda jekk dan ikunx biżżejjed biex il-proċeduri ma jitqisux aktar ta' natura kriminali għall-għanijiet tal-applikazzjoni tal-fergħa penali tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni.

15. Il-qorti tifhem ukoll illi f'dan il-kuntest ukoll għandu jitħares il-prinċipju ta' proporzjonalità, li jirregola mhux biss il-miżuri li dwarhom isir ilment iżda wkoll ir-rimedju li għandu jingħata mill-qorti. Dan ifisser illi, ukoll jekk il-liġi kif inhi – għax fil-parti relevanti ma nbidlitx minn meta ngħatat is-sentenza ta' *Federation of Estate Agents* – hija bi ksur tal-Kostituzzjoni, jekk ir-raġuni għal dan il-ksur hija biss is-setgħa tad-Direttur Ġenerali li jimponi multa ma jkunx meħtieġ li jiġu invalidati d-disposizzjonijiet tal-liġi kollha impunjati iżda biss li titneħħa dik is-setgħa, għax it-tneħħija tas-setgħa tkun raġuni tajba u biżżejjed, u għalhekk rimedju proporzjonat. Għall-istess raġuni, jekk id-Direttur

Ġenerali minjeddu jirrinunzja – kif għamel fil-każ tallum – għal dik is-setgħa, mela ma jibqax meħtieġ rimedju ieħor.

16. Naturalment dan igħodd biss jekk ir-raġuni tal-inkonsistenza tal-liġi impunjata mal-Kostituzzjoni hija biss is-setgħa tad-Direttur Ġenerali li jimponi multa. Dan iġibna għat-tieni kwistjoni msemmija fuq, *viz.* jekk (kemm għax it-tieni u t-tielet kriterji ta' Engel ma humiex neċesarjament kumulativi iżda jistgħu jkunu wkoll alternativi, kif ukoll għax hemm sanzjonjiet oħrajn li jistgħu jiġu imposti barra l-multa) il-fatt biss li jingħad li ma hijiex sejra tiġi imposta multa huwiex biżżejjed biex il-proċeduri ma jitqisux aktar ta' natura kriminali.

17. F'dan il-kuntest irridu nqisu i. jekk, indipendentement mill-piena, il-proċeduri humiex, min-natura tagħhom, kriminali (it-tieni kriterju ta' Engel), u ii. jekk il-miżuri l-oħra li jista' jimponi d-Direttur Ġenerali jagħmlux is-sanzjoni ħarxa biżżejjed biex tista' titqies waħda penali (it-tielet kriterju).

18. Dan iwassalna għal konsiderazzjoni mhux biss tal-argumenti mressqa mill-konvenuti fil-para. 41 sa 71 tal-ewwel aggravju tagħhom miġjub fuq, iżda wkoll tat-tieni u r-raba' aggravji[1]:

> »»72. It-tieni raġuni għaliex l-ewwel onorabbli qorti ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tinsab imsejsa fuq is-sentenza *Federation of Estate Agents v.* Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) *et* deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Mejju 2016;
>
> »73. L-ewwel onorabbli qorti tagħti x'tifhem fis-sentenza appellata li l-għoti ta' multi amministrattivi ma kienx l-uniku fattur li wassal lill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ tal-*Federation of Estate Agents* biex

1 It-tielet aggravju huwa dwar l-effett tad-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali li ma huwiex sejjer jimponi multa. Dan l-argument effettivament ġà ġie meqjus fil-para. 14 u 15 tas-sentenza, *supra*, u għalhekk ma huwiex meħtieġ li nqisuh aktar.

sabet li l-proċeduri mibdija taħt il-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jitqiesu bħala proċeduri kriminali;

»74. Hawnhekk l-esponenti ma jifhmuhiex bħall-ewwel onorabbli qorti. Anzi huma jħossu li l-fattur deċiżiv, jekk mhux ukoll il-fattur waħdieni, li wassal lill-Qorti Kostituzzjonali biex fil-każ tal-Federation Estate Agents tqis il-proċeduri mibdija taħt il-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta bħala ta' sura kriminali kien sewwasew il-fatt tal-possibilità tas-sanzjoni ta' multi amministrattivi li setgħu jkunu għoljin fl-ammonti tagħhom. L-esponenti jemmnu bi sħiħ li kieku ma kinux għall-multi amministrattivi, il-Qorti Kostituzzjonali ma kinitx ħa tqis dawk il-proċeduri bħala ta' għamla kriminali għall-għanijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

»75. Huwa minnu, kif tgħid l-ewwel onorabbli qorti, li fil-każ tal-*Federation of Estate Agents*, il-multi amministrattivi kienu għadhom ma ġewx imposti, imma huwa minnu wkoll li f'dak il-każ id-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) kien għamilha ċara li huwa kien lest li jimponi multi amministrattivi jekk kemm-il darba l-*Federation of Estate Agents* ma ġġibx raġunijiet tajba biex turi li hija ma kisritx il-liġi tal-kompetizzjoni. Ifisser għalhekk li f'dak il-każ, anke jekk il-multi amministrattivi kienu għadhom ma ġewx inflitti, madankollu kien hemm iċ-ċans u l-possibilità li dawk il-multi amministrattivi jiġu imposti wara li l-proċess jingħalaq;

»76. Din però mhijiex sitwazzjoni li tista' sseħħ fil-każ tal-lum, la fl-immedjat u lanqas fil-futur. Dan għaliex id-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) qal fil-miftuħ u b'mod pubbliku li għalkemm huwa sab lill-kumpanniji appellati responsabbli li daħlu f'akkordji u fi prattiċi li jmorru kontra ż-żamma tal-kompetizzjoni xierqa, madankollu huwa ma kienx sejjer iwaħħalhom multa għal dan l-għemil li jmur kontra l-liġi u dan sewwasew biex jobdi dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tal-*Federation of Estate Agents*;

»77. Bit-tneħħija tal-multa amministrattiva, il-problema kostituzzjonali misjuba mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tal-*Federation of Estate Agents* ġiet eliminata għalkollox. Għallinqas minn kif jaħsbuha l-esponenti, żgur u mhux forsi, il-Qorti Kostituzzjonali ma sabitx bħala oġġezzjonabbli l-fatt li d-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) jista' jiddikjara li xi intrapriża ma obdietx il-liġi tal-kompetizzjoni. Bil-kontra, dak li jidher li sabet oġġezzjonabbli l-Qorti Kostituzzjonali huwa l-fatt li l-istess Direttur Ġenerali, li mhuwiex qorti tal-ġustizzja, seta' jwaħħal multa amministrattiva ta' ċertu valur qawwi jekk huwa jidhirlu li xi intrapriża ma tkunx qagħdet mal-liġijiet li jħarsu l-kompetizzjoni;

»78. Kif ġa għedna, f'dan il-każ il-kumpanniji appellati għandhom is-serħan tal-moħħ li d-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) mhuwiex ħa jweħħilhom multa, u dan minkejja li huwa ġà esprima l-fehma tiegħu li l-kumpanniji appellati ma obdewx il-liġi li tirregola l-kompetizzjoni. Għalhekk la, f'dan il-każ, il-kumpanniji appellati mhumiex fir-riskju li jeħlu multa amministrattiva taħt il-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jistax jingħad li fil-każ tagħhom qiegħda b'xi mod tiġi determinata jew proċessata xi akkuża kriminali

għall-għanijiet tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

»79. Hawnhekk l-esponenti jaqblu għalkollox mal-Onorevoli Mħallef Mark Chetcuti meta fid-dikrieti tiegħu … tenna li l-iskoll misjub mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża tal-*Federation of Estate Agents* kien imiss mal-multi amministrattivi u ladarba din il-possibilità ta' twaħħil ta' multi amministrattivi ġiet eskluża ma hemm xejn xi jżomm milli jissoktaw il-proċeduri taħt il-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta;

»80. Tassew tkun ħasra kbira jekk kemm-il darba kellu jingħad li, skont l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, id-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) mhux biss huwa miżmum milli jimponi multi amministrattivi imma saħanistra huwa miżmum ukoll milli jgħid li xi intrapriża tkun kisret il-liġi tal-kompetizzjoni. Ħaġa bħal din mhux biss tkun ta' ħsara kbira għall-konsumaturi, għal dawk l-intrapriżi ġenwini li jobdu l-liġi u għall-kompetizzjoni ġusta, iżda tqiegħed ukoll lil Malta f'dawl ikrah fil-kuntest tal-obbligi tagħha taħt il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan huwa sewwasew l-konsegwenza li għandha tiġi evitata skont is-sentenza Neste St Petersburg u oħrajn *v.* Ir-Russja, fuq imsemmija;

»81. Jiġi b'hekk, li għall-esponenti anke din it-tieni raġuni msemmija mill-ewwel onorabbli qorti fis-sentenza appellata ma tidhirx li hija siewja;

»… … .

»88. L-aħħar u r-raba' raġuni msemmija mill-ewwel onorabbli qorti hija l-possibilità li l-kumpanniji appellati jiġu *blacklisted* skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (Leġislazzjoni Sussidjarja 174.04);

»89. Sinċerament l-esponenti ma jifhmux kif dan il-fatt waħdu jagħmel il-proċeduri mmexxija mid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) ta' sura kriminali. Ibda biex, l-esponenti ma jaħsbux li *black listing* mill-għoti ta' kuntratti pubbliċi jista' jitqies bħala piena kriminali u dan għaliex *blacklisting*, jekk xejn, jista' jwassal biss għal telf ta' qligħ imma mhux għal piena kriminali;

»90. Lil hinn minn dan però, l-esponenti ma jarawx kif il-*blacklisting* magħmul mid-Direttur tal-Kuntratti taħt ir-regolament 199(*ċ*) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku b'xi mod huwa marbut mal-proċeduri taħt il-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta. Id-Direttur tal-Kuntratti jaġixxi b'mod indipendenti u b'mod awtonomu mid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) u jista' jipproċedi bi *blacklisting* irrispettivament ta' jekk ikunx hemm proċeduri taħt il-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta jew le. Għalhekk ma jistax jingħad li l-proċeduri taħt il-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jitqiesu bħala ta' għamla kriminali minħabba dak li hemm provdut fir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku dwar il-*black listing*;

»91. Ifisser, allura, li anke din ir-raba' konsiderazzjoni tal-ewwel onorabbli qorti ma kinitx waħda tajba sabiex jiġi konkluż li l-proċeduri mmexxija f'dan il-każ mid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) kienu ta' xejra kriminali;

»92. Hekk li ġew imwarrba dawn l-erba' raġunijiet imsemmija mill-ewwel onorabbli qorti fis-sentenza appellata, tiġi tgħodd bħala tajba l-eċċezzjoni preliminari miġjuba mill-esponenti fir-risposta kostituzzjonali tagħhom, *viz.* li biex proċeduri jistgħu jitqiesu ta' xejra penali jeħtieġ illi dawn iġorru magħhom xi forma ta' kastig jew piena;

»93. F'dan il-każ, jerġa' jiġi mtenni li l-proċeduri konklużi mid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) ma wasslux u mhux ħa jwasslu għal xi għoti ta' piena. Għalhekk il-kumpanniji appellati mhumiex siewja li jistrieħu fuq l-artikolu 39(1) u (6) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fuq l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, li japplikaw biss meta hemm proċeduri li għandhom x'jaqsmu ma' akkużi jew proċeduri kriminali;

»94. L-ilmenti tal-kumpanniji appellati dwar il-fatt li l-każ tagħhom kellu jiġi determinat l-ewwel minn qorti u mhux mid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) huma irrilevanti għall-każ tal-lum għaliex ġaladarba l-kumpanniji appellati ma jistgħux jeħlu kastig allura huma ma jistgħux jgħidu li nħarġet xi akkuża ta' bixra kriminali kontrihom;

»95. Hekk ukoll il-kumpanniji appellati m'għandhomx għalfejn joqogħdu jħabblu rashom fuq il-fatt li l-kontestazzjoni tagħhom mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) sejra tinstema' mit-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur u mhux minn qorti, ġaladarba t-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur mhu sejjer jiddeċiedi l-ebda akkuża kriminali u lanqas ma hu ħa jaqta' proċeduri amministrattivi li jistgħu jwasslu għal xi għoti ta' kastig jew piena;

»96. Fid-dawl ta' kif seħħew l-affarijiet f'din il-kawża, il-kumpanniji appellati ma jistgħux jistrieħu aktar fuq is-sentenza <u>*Federation of Estate Agents v.* Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) *et*</u> biex joħonqu l-proċeduri li d-direttur beda kontrihom. Ix-xenarju f'din il-kawża nbidlu għaliex id-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) ntrabat li ma jwaħħalx multi amministrattivi u ntrabat ukoll li jillimita l-proċeduri tiegħu kontra l-kumpanniji appellati biss fuq dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni;

»97. Tassew, darba li l-kumpanniji appellati mhumiex qegħdin jirriskjaw li jeħlu multa amministrattiva, dan għandu jwaqqa' u jinnewtralizza l-ilmenti kostituzzjonali u konvenzjonali tagħhom, kif impustati fuq l-artikolu 39(1) u (6) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, li jolqtu proċeduri dwar akkużi kriminali;

»98. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk l-eċċezzjoni tal-esponenti, kif imfissra fl-ewwel tmien paragrafi tar-risposta kostituzzjonali tagħhom, tixraq li tintlaqa' u t-talbiet tal-kumpanniji appellati għandhom min-naħa l-oħra jiġu miċħuda minħabba li huma mibnija fuq artikoli li ma japplikawx.«

19. Għall-argument dwar il-gravità tas-sanzjoni l-atturi wieġbu hekk:

»Mingħajr preġudizzzju għas-suespost kollu, jingħad ukoll li *dato ma non concesso,* li d-DĠ għandu s-setgħa hu stess li jiddetermina x'tip

ta' proċeduri għandu quddiemu (jekk huma ta' natura kriminali jew le) jingħad li l-multa amministrattiva mhijix l-uniku piena li jsofru *Falzon Group* kemm-il darba jinstab ksur tal-Kap. 379. Apparti l-multa, sejbien ta' ksur tal-Att dwar il-Kompetizzjoni jista' jkollu impatt negattiv kbir fuq in-negozju ta' *Falzon Group*. Kif jirriżulta mix-xiehda u mil-liġi *Falzon Group* jistgħu jsibu rwieħhom rinfaċċjati b'sanzjonijiet meta jiġu biex jipparteċipaw *f'tender* sabiex jirbħu kuntratt pubbliku. Skont ir-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbliku, *Falzon Group* jistgħu jiġu *blacklisted* u projbiti milli jipparteċipaw f'*tenders* kemm-il darba jinstabu responsabbli għall-ksur tal-Kap. 379. L-effett ta' tali *blacklisting* fejn *Falzon Group* ma jistgħux jipparteċipaw fi proċedura tal-akkwisti tista' tkun devastanti, partikolarment l-għaliex huma jipparteċipaw u jirbħu ħafna *tenders*. Bejn l-2015 u l-2016, huma reħbu *tenders* li kellhom valur fl-eċċess ta' tnax-il miljun Euro. Għaldaqstant, il-possibilità li huma jiġu *blacklisted*, kif spjegat, għandu jiġi kkunisdrat bħala piena li tissodisfa r-rekwiżiti tal-*Engel criteria* kif suespost. Il-piena ma tistax titqies waħda li hija limitata biss għall-multa amministrattiva iżda hija usa minn hekk.«

20. L-ewwel qorti u wkoll l-atturi jistrieħu fuq din is-silta mis-sentenza ta' din il-qorti *in re* <u>Federation of Estate Agents</u> biex igħidu illi l-proċeduri quddiem id-Direttur Ġenerali huma ta' natura penali:

»28. Il-qorti tqis illi l-liġi maltija tal-kompetizzjoni tħares interessi ġenerali tas-soċjetà li huwa wkoll il-għan tal-liġi penali, u f'dan tixbah id-disposizzjonijiet taħt it-Titolu VI tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali: *Fuq id-Delitti kontra l-Kummerċ Pubbliku*; tqis illi l-liġi tal-kompetizzjoni għandha l-ħsieb ukoll li sservi ta' deterrent, bħal-liġi penali; tqis illi l-multa li tista' tingħata mid-Direttur hija x'aktarx ħarxa u hija maħsuba bħala piena u mhux bħala risarċiment ta' danni ċivili; u tqis illi huwa relevanti wkoll il-fatt illi, qabel l-emendi li saru fil-Kap. 379 bis-saħħa tal-Att VI tal-2011, l-"akkordji u prattiki projbiti" taħt l-art. 5 bħal dawk li dwarhom hija mixlija l-Federazzjoni fil-każ tallum kienu meqjusa "reati" taħt l-art. 16 tal-istess Kap. 379, b'mod għalhekk illi, għalkemm wara l-Att VI tal-2011 dawk l-"akkordji u prattiki projbiti" ma baqgħux jitqiesu "reati", is-sustanza tagħhom baqgħet l-istess. Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-qorti biex taqbel mal-ewwel qorti illi l-proċeduri taħt il-liġi tal-kompetizzjoni għandhom min-natura ta' proċeduri dwar akkuża kriminali u għalhekk għandhom ikunu mħarsa bil-garanziji li l-art. 39 jrid għal proċeduri dwar akkużi kriminali.«

21. Tassew illi f'din is-silta jissemmew erba' fatturi li wasslu lill-qorti biex tqis illi l-proċeduri huma ta' natura penali: i. il-fatt li huma maħsuba biex iħarsu interessi ġenerali tas-soċjetà; ii. l-effett ta' deterrent; iii. il-gravità tal-piena; u iv. il-fatt li oriġinalment il-liġi stess kienet tqis il-proċeduri bħala ta' natura penali. Dawn iżda huma fatturi li l-qorti

qisithom kumulativament biex waslet għall-konklużjoni li l-proċeduri huma ta' natura penali: ma jfissirx illi kull wieħed minnhom, waħdu, huwa neċessarjament biżżejjed biex tikkonkludi dwar in-natura penali tal-proċeduri. Huwa evidenti illi mhux kollha għandhom l-istess piż: waqt li l-gravità tal-piena tista' tkun, ukoll jekk weħedha, biżżejjed biex tikklassifika l-proċeduri bħala penali, proċeduri maħsuba biex iħarsu interessi ġenerali mhux bilfors ikunu ta' natura penali. L-azzjoni ta' spoll, li hija disponibbli f'ċirkostanzi fejn ikun hemm ir-reat ta' *ragion fattasi*, ma hijiex minħabba f'hekk biss azzjoni ta' natura penali. Huwa evidenti għalhekk illi l-fattur l-aktar importanti u li għandu piż huwa dak tal-gravità tal-piena li l-proċeduri jistgħu jwasslu għaliha, u l-fattur ta' deterrent huwa marbut ma' dak tal-gravità tal-piena.

22. Dan iwassalna għall-konsiderazzjoni tal-fattur tal-gravità u n-natura tal-piena (it-tielet kriterju ta' Engel). Fil-każ tallum la hemm il-possibilità ta' multa (għax id-Direttur Ġenerali irrinunzja għas-setgħa li jimponi multa) u wisq anqas ta' priġunerija. Tifdal il-possibilità ta' *blacklisting* minn sejħat għal offerti għal kuntratti pubbliċi.

23. Il-qorti ma taqbilx illi *blacklisting* għandha min-natura ta' piena kriminali. Aktar għandha min-natura ta' miżura għall-ħarsien tas-suq ħieles. Il-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni ma hijiex l-unika raġuni għala operatur ekonomiku jista' jiġi *blacklisted*, u mis-sitt raġunijiet għal *blacklisting* elenkati fir-reg. 199 tar-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbiku [L.S. 174.04] tnejn biss iridu li l-operatur ekonomiku jkun instab ħati ta' reat, waqt li biex jiġi *blacklisted* għar-raġuni li

dwarha ġew investigati l-atturi – li l-operatur ekonomiku ikun daħal fi ftehim ma’ operaturi ekonomiċi oħrajn li għandhom l-għan li joħolqu tfixkil tal-kompetizzjoni – huwa biżżejjed li d-Direttur tal-Kuntratti jkollu biss “indikazzjonijiet plawsibbli biżżejjed”, u ma hijiex meħtieġa ċ-ċertezza lil hemm minn kull dubju raġonevoli. Ir-raġuni għal dan hija ovvja: il-valuri tas-suq ħieles huma għolja u vitali wisq biex jitħalla jfixkel is-suq min ma jagħtix garanziji biżżejjed ta’ kondotta tajba, bla ma tkun meħtieġa ċertezza ta’ mġieba ħażina lil hemm minn kull dubju. Dan ma jfissirx li suspett bla raġuni jkun biżżejjed, iżda huwa appuntu għalhekk illi hija meħtieġa s-setgħa tad-Direttur Ġenerali li jagħmel investigazzjonijiet bħal dik li l-atturi llum iridu jimpunjaw.

24. Il-qorti għalhekk taqbel mal-konvenuti illi s-setgħa ta’ *blacklisting*, vestita mhux fid-Direttur Ġenerali konvenut illum iżda fid-Direttur tal-Kuntratti, ma hijiex piena kriminali iżda miżura meħtieġa għall-ħarsien tal-kompetizzjoni u tas-suq ħieles. Taqbel ukoll, għalhekk, illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum il-proċeduri li saru mid-Direttur Ġenerali fl-investigazzjoni tal-atturi ma għandhomx min-natura ta’ proċeduri kriminali.

25. Il-qorti għalhekk tilqa’ l-appell tal-konvenuti: tħassar is-sentenza tat-8 ta’ Novembru 2018 li minnha sar l-appell u tilqa’ l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti safejn dawn igħidu illi l-proċeduri li mexxa d-Direttur Ġenerali fl-investigazzjoni tal-għemil tal-atturi ma jintlaqtux bid-disposizzjonijiet tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni u tal-art. 6 tal-

Konvenzjoni li jirregolaw proċeduri kriminali. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

26. Billi d-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali li ma huwiex sejjer jimponi multi saret x'aktarx tard fil-proċedura ta' investigazzjoni, huwa xieraq li l-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb